# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ħamis, 25 ta' Jannar, 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 56/2018 BS**

**Emanuel Buttigieg; Francis Buttigieg kemm f'ismu propju kif ukoll għan-nom ta' ħuh imsiefer John Mary Buttigieg; Zachary Buttigieg; Carmela Saliba; Benigna Pace; Dr Angele Formosa bħala mandatarja tal-imsiefra Elizabeth Cini**

**-vs-**

**Mary Jane Buttigieg kemm f'isimha propju kif ukoll bħala kuratriċi tal-interdetta oħtha Theodora sive Doreen Buttigieg; Paul Buttigieg; l-Avukat Dottor Deborah Camilleri li b'digriet tat-18 ta' Lulju 2018 ġiet nominata kuratur deputat sabiex tirrappreżenta l-wirt battal ta' Giuseppa Buttigieg; u b'digriet tal-31 ta' Lulju 2018 l-Avukat Dottor Deborah Camilleri ġiet sostitwita bl-Avukat Dottor Mario Scerri bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-wirt battal ta' Giuseppa Buttigieg**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi jippremettew:**

1. ILLI fl-għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) miet fix-Xewkija, Għawdex Ġużepp Buttigieg missier l-għaxar kontendenti f'din il-kawża;

2. ILLI Ġużepp Buttigieg irregola l-wirt u s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' diversi testmenti *unica charta* illi huwa għamel flimkien ma' martu Giuseppa Buttigieg. Illi dawn it-testmenti saru wieħed fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elf disgħa mija u sitta u sebgħin (1976) fl-atti tan-Nutar Ġużeppi Cauchi, ieħor fid-dsatax (19) [sic] ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebgħin (1978) fl-atti tan-Nutar Ġużeppi Cauchi u ieħor fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985) fl-atti tan-Nutar Michael Refalo;

3. ILLI l-aħħar testment *unica charta* bejn il-konjuġi Ġużepp u Giuseppa Buttigieg sar fil-ħamsa (5) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo u li kopja tiegħu qed tiġi annessa bħala Dokument B;

4. ILLI f'dawn it-tesmenti Ġużepp Buttigieg ħalla diversi legati u innomina [sic] bħala eredi universali tiegħu lill-ghaxar uliedu u cioè lis-seba' (7) atturi f'din il-kawża Emanuel Buttigieg, Francis Buttigieg, John Mary Buttigieg, Zachary Buttigieg, Carmela Saliba, Benigna Pace u Elizabeth Cini kif ukoll lit-tlett (3) konvenuti f'din il-kawza u ċioè Mary Jane Buttigieg, Theodora sive Doreen Buttigieg u Paul Buttigieg;

5. ILLI l-atturi kemm il-darba nterpellaw lill-konvenuti sabiex jersqu biex jkun hemm l-immissjoni fil-pussess tal-legati mħollija minn missierhom Ġużepp Buttigieg u biex jkun hemm il-qasma tal-wirt tal-istess missierhom iżda l-konvenuti dejjem baqgħu inadempjenti;

6. ILLI l-atturi jridu li l-konvenuti jersqu għad-diviżjoni tal-wirt imħolli lilhom minn missierhom Ġużepp Buttigieg;

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 9 b'dokumenti a fol 10 sa 20.

7. ILLI Giuseppa Buttigieg, omm il-kontendenti, mietet fit-tmienja (8) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) fix-Xewkija, Għawdex;

8. ILLI Giuseppa Buttigieg wara l-mewt ta' żewġha Ġużepp Buttigieg fl-għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) għamlet diversi testmenti oħra u ċioè testment fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) fl-atti Nutar Maria Grima, ieħor fil-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) fl-atti Nutar Maria Grima u l-aħħar wieħed fl-erbtax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (2005) fl-atti tan-Nutar Maria Grima;

9. ILLI l-istess Giuseppa Buttigieg matul ħajjitha ddisponiet mill-propjetà kollha li kellha billi:

   (i) fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) b' kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Maria Grima hija tat b' donazzjoni irrevokabbli lil bintha Maria Giovanna Buttigieg, waħda mill-konvenuti, in-nofs indiviż, ossija kull dritt u sehem spettanti lil Giuseppa Buttigieg mill-fond bla numru u bl-isem *"Dar is-Sultan"*, fi Triq il-Kavallier Zammit Haber, ix-Xewkija bl-art retrostanti u attigwa għall-istess fond. Illi qed tiġi annessa kopja tan-nota ta' reġistrazzjoni ta' dan l-att fir-Reġistru Pubbliku bħala Dokument C;

   (ii) fil-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) b' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Maria Grima hija biegħet lil Maria Giovanna Buttigieg, waħda mill-konvenuti, il-kwota ta' nofs indiviż ossija *s*-sehem spettanti lil Giuseppa Buttigieg minn diversi porzjonijiet ta' art magħrufa bħala *'ta' l-Ogħga'* sive *'tal-Loggia'* fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex versu l-prezz ta' ħamest elef u sitt mitt lira Maltin (LM5,600). Illi kopja ta' dan il-kuntratt qed tiġi annessa bħala Dokument D. B' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Maria Grima fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (2005) saret korrezzjoni fil-kejl ta' dan ir-raba'. Illi kopja ta' dan l-att korrettorju qed tiġi annessa bħala Dokument E;

10. ILLI dawn il-kuntratti ta' donazzjoni u bejgħ saru bl-intiża ċara li Giuseppa Buttigieg tiddisponi mill-propjetà tagħha kollha matul

ħajjitha biex b'hekk wara mewtha uliedha [sic] l-oħra ma jkollhom xejn x'jieħdu mill-wirt tagħha;

11. ILLI l-kuntratti ta' bejgħ li saru mid-*decujus* Giuseppa Buttigieg lill-bintha Maria Giovanna Buttigieg jammonataw għal donazzjonjiet simulati billi huma magħmula bi prezz li bl-ebda mod ma jirrifletti r-realtà kummerċjali u b'valuri irriżorji u b'hekk jidher ċar li l-animu tad-*decujus* kien li tivvantaġġja lill-binthom [sic] Maria Giovanna Buttigieg a skapitu u dannu tal-leġittima, illum porzjon riservata, spettanti lill-atturi;

12. ILLI oltre dan fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) b'kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Maria Grima (Dok C anness) hija tat b'donazzjoni irrevokabbli lil bintha Maria Giovanna Buttigieg, waħda mill-konvenuti, in-nofs indiviż, ossija kull dritt u sehem spettanti lil Giuseppa Buttigieg mill-fond bla numru u bl-isem *"Dar is-Sultan",* fi Triq il-Kavallier Zammit Haber, ix-Xewkija bl-art retrostanti u attigwa għall-istess fond. Illi din id-donazzjoni saret ukoll sabiex jiġu żvantaġġjati l-atturi ukoll għad-dannu tal-leġittima, illum porzjon riservat, spettanti lill-atturi;

13. ILLI għalhekk fil-prattika fl-eredità tal-istess Giuseppa Buttigieg ma baqa' l-ebda immobbli jew oġġett ta' valur sostanzjali;

14. ILLI l-atturi ddeċidew li ma jaċċettawx li jkunu eredi ta' ommhom Giuseppa Buttigieg u minflok qed jitolbu l-porzjon riservat ossija l-leġittima skont il-Ligi. Illi l-atturi ipprezentaw [sic] nota fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fejn irrinunzjaw għal dan il-wirt iżda żammew ferm id-dritt tal-leġittima spettanti lilhom wara li jiġu konferiti fl-eredità l-assi li ddisponiet minnhom l-istess Giuseppa Buttigieg;

15. ILLI l-istess konvenuti irrinunzjaw [sic] ukoll għall-wirt ta' ommhom Giuseppa Buttigieg u għalhekk illum dan il-wirt huwa battal u per konsegwenza l-atturi flimkien ma' dan ir-rikors ġuramentat qed jippreżentaw rikors biex din l-Onorabbli Qorti taħtar kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-wirt battal ta' Giuseppa Buttigieg fl-atti ta' dan ir-rikors ġuramentat u fl-atti l-oħra kollha relattivi u sussegwenti;

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1) tiddikjara illi Ġużepp Buttigieg miet fl-għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) fix-Xewkija, Għawdex u irregola [sic] l-wirt u s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' diversi testmenti *unica charta* illi huwa għamel flimkien ma' martu Giuseppa Buttigieg;

2) tiddikjara illi l-wirt u suċċessjoni ta' Ġużepp Buttigieg ġie regolat bit-testmenti *unica charta* li saru ma' martu Giuseppa Buttigieg u li saru fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elf disgħa [sic] mija u sitta u sebgħin (1976) fl-atti tan-Nutar Ġużeppi Cauchi, ieħor fid-dsatax (19) [sic] ta' Awwissu tas-sena elf disgħa' [sic] mija u tmienja u sebgħin (1978) fl-atti tan-Nutar Ġużeppi Cauchi, ieħor fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elf disgħa [sic] mija u ħamsa u tmenin (1985) fl-atti tan-Nutar Michael Refalo u l-aħħar testment *unica charta* bejn il-konjuġi Buttigieg sar fil-ħamsa (5) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) fl-atti tan-Nutar Michael Refalo;

3) tordna li issir l-immissjoni fil-pussess tal-legati imħollija [sic] minn Ġużepp Buttigieg missier il-kontendenti;

4) tillikwida l-assi ereditarji li kienu jappartjenu lil Ġużepp Buttigieg, missier il-kontendenti u tiddividi l-istess f'għaxar porzjonijiet ugwali bejn l-eredi tiegħu;

5) tiddikjara simulati u għalhekk ammontanti għal donazzjonijiet 'il fuq imsemmija kuntratti u ċioè ż-żewġ kuntratti ta' bejgħ magħmula minn Giuseppa Buttigieg lill-istess binthom Maria Giovanna Buttigieg, imsemmija hawn fuq, u ċioè wieħed li sar fil-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) fl-atti tan-Nutar Maria Grima illi permezz tiegħu Giuseppa Buttigieg biegħet lil bintha Maria Giovanna Buttigieg, waħda mill-konvenuti, il-kwota ta' nofs indiviż ossija s-sehem spettanti lil Giuseppa Buttigieg minn diversi porzjonijiet ta' art magħrufa bħala *'ta' l-Ogħga'* sive *'tal-Loggia'* fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex versu l-prezz ta' ħamest elef u sitt mitt lira Maltin (LM5,600) (Dok D) u l-kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Maria Grima fl-erbatax (14)

ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (2005) fejn saret korrezzjoni fil-kejl ta' dan ir-raba' (Dok E);

6) tiddikjara illi l-art donata permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni li sar fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) fl-atti tan-Nutar Maria Grima fejn Giuseppa Buttigiet tat b'donazzjoni irrevokabbli lil bintha Maria Giovanna Buttigieg, waħda mill-konvenuti, in-nofs indiviż, ossija kull dritt u sehem spettanti lil Giuseppa Buttigieg mill-fond bla numru u bl-isem *"Dar is-Sultan"*, fi Triq il-Kavallier Zammit Haber, ix-Xewkija bl-art retrostanti u attigwa għall-istess fond (Dok C) għandha tiġi meqjusa bħala parti mill-massa ereditjara li fuqha għandha tiġi kalkulata u likwidata l-leġittima spettanti lill-atturi;

7) tillikwida l-assi ereditarji tad-*decujus* Giuseppa Buttigieg billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawn il-beni kollha li jirriżultaw lilha spettanti fid-data tal-mewt tagħha kif ukoll f'dawk il-konferimenti ta' dawk il-kuntratti ta' bejgħ li jammontaw għal donazzjonijiet simulati magħmula minn Giuseppa Buttigieg lill-istess binthom Maria Giovanna Buttigieg imsemmija hawn fuq (Dok D u Dok E) kif ukoll l-kuntratt ta' donazzjoni tas-sehem spettanti lid-*decujus* Giuseppa Buttigieg lil Maria Giovanna Buttigieg li sar fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) fl-atti tan-Nutar Maria Grima tan-nofs indiviż, ossija kull dritt u sehem spettanti lil Giuseppa Buttigieg mill-fond bla numru u bl-isem *"Dar is-Sultan"*, fi Triq il-Kavallier Zammit Haber, ix-Xewkija bl-art retrostanti u attigwa għall-istess fond (Dok C);

8) tillikwida l-leġittima ossia l-porzjoni riservata dovuta lill-atturi mill-wirt ta' l-fuq [sic] imsemmija ommhom Giuseppa Buttigieg fit-termini tal-liġi;

9) tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom jassenjaw lill-atturi l-legittima ossija l-porzjon riservata hekk kif likwidata a favur taghhom;

10) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jidhru fuq l-att relattiv għall-likwidazzjoni [sic] u assenjazzjoni jew ħlas ta' l-fuq [sic] imsemmija leġittima ossija porzjon riservata;

11) tiffissa ġurnata, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv, anke biex jiġi assenjat is-sehem spettanti lill-atturi mill-wirt ta' missierhom Ġużepp Buttigieg kif mitlub aktar l'fuq [sic], u tinnomina Nutar Pubbliku għall-istess fini u kuraturi deputati sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti li minn issa huma [i]nġunti għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Mary Jane Buttigieg kemm f'isimha propju kif ukoll bħala kuratriċi tal-interdetta oħtha Theodora sive Doreen Buttigieg u Paul Buttigieg[2] illi eċċepew:**

(1) ILLI l-esponenti qatt ma opponew għad-diviżjoni tal-assi li kellu Ġużepp Buttigieg kif sejjer jirriżulta waqt is-smiegħ [sic] u t-trattazzjoni tal-kawża u lanqas m'huma qegħdin jopponu li issir [sic] tali qasma purche jiġu rispettati l-legati stabbiliti mill-istess Ġużepp Buttigieg fosthom il-legat ta' użufrutt imħolli a favur l-esponenti Mary Jane Buttigieg u oħtha Doreen Buttigieg fit-testmenti tiegħu u purché jiġu verifikati l-kwoti spettanti lill-partijiet f'din il-kawza kif wkoll il-konsistenza tal-assi li jridu jiġu diviżi;

(2) ILLI in kwantu jirrigwarda l-qasma tal-assi ta' Giuseppa Buttigieg l-gudizzju mhuwiex integru. Mhux minnu li l-wirt ta' Giuseppa Buttigieg huwa wirt battal. Fit-termini tal-artikolu 864(2) tal-Kap. 16 ladarba l-ulied kollha ta' Giuseppa Buttigieg li kienu nominati werrieta rrinunzjaw, awtomatikament jidħlu flokhom it-tfal tal-werrieta kollha bil-jedd tagħhom inniffishom u jirtu *per capita.* Għalhekk ulied il-partijiet kollha għandhom jiġu kjamati in kawża;

(3) ILLI mingħajr preġudizzju għall-premess, in kwantu dak allegat fir-rigward tal-kuntratt ta' donazzjoni datat sitta (6) ta' Mejju 2000 kif wkoll il-kuntratt ta' bejgh datat hamsa (5) ta' Diċembru 2001 kif korreġut b'att ieħor tal-erbatax (14) ta' Jannar 2005 kollha pubblikati fl-atti tan-Nutara Maria Grima, it-talbiet tal-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante li dak kollu li ġie dikjarat fl-imsemmija kuntratti kien veritier u kien jirrispekkja eżattament u fedelment il-

[2] Risposta guramentata a fol 40 sa 46.

volonta tal-partijiet komparenti fuq dawk il- kuntratti. Tali kuntratti assolutament la kienu simulati u lanqas ma saru b'xi animu biex xi ħadd mill-partijiet jiġi mċaħħad minn xi dritt tiegħu. Fir-rigward tal-kuntratt ta' donazzjoni dan sar taħt il-patt u kundizzjonijiet speċifika li l-esponenti Mary Jane Buttigieg tibqa' iddur [sic] b'ommha kif fil-fatt għamlet u li tibqa' iddur [sic] b'oħtha Doreen kif għamlet, qiegħda tagħmel u sejra tibqa' tagħmel;

(4) ILLI s-sehem riżervat illum huwa dritt ta' kreditu u mhux sehem minn propjetà u ghalhekk ma tista' issir l-ebda assenjazzjoni lir-rikorrenti bħala sehem riżervat kif mitlub fit-talba numru disgħa (9) iżda *se mai* ħlas tal-istess sehem riżervat;

(5) ILLI dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, sabiex jinħareg il-valur nett li abbażi tiegħu irid [sic] jinħadem is-sehem riżervat, irid jitnaqqas il-valur kollu tas-serviġi li ġew reżi mill-esponenti Mary Jane Buttigieg u Paul Buttigieg lil ommhom kif wkoll l-ispejjeż li l-istess Mary Jane Buttigieg u Paul Buttigieg ħarġu għan-nom u fl-interess ta' ommhom;

(6) ILLI in oltre fil-komputazzjoni tas-sehem riservat għandu jitnaqqas wkoll il-valur ta' kwalunkwe' beni mħollija lir-rikorrenti fit-testmenti ta' ommhom kif wkoll dak kollu li r-rikorrenti ħadu mingħand Giuseppa Buttigieg b'titolu gratuwitu;

(7) SALVI eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

(8) ILLI b'riferenza għall-paragrafi tar-rikors ġuramentat l-esponenti jiddikjaraw is-segwenti:

   (a) Illi l-kontenut tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) paragrafi mhumiex kontestati stante li l-informazzjoni hemm kontenuta tirriżulta minn dokumenti uffiċjali;

   (b) Illi b'riferenza għall-paragrafi l-oħra tar-rikors ġuramentat dawn huma kontestati fl-interità tagħhom. Dan għaliex:

      (i) l-esponenti qatt ma opponew għad-diviżjoni tal-assi li kellu Guzepp Buttigieg kif sejjer jirriżulta waqt is-smiegħ [sic] u t-trattazzjoni tal-kawża u lanqas m'huma qegħdin

jopponu li ssir tali qasma purché jiġu rispettati l-legati stabbiliti mill-istess Guzepp Buttigieg fosthom il-legat ta' użufrutt imħolli a favur l-esponenti Mary Jane Buttigieg u oħtha Doreen Buttigieg fit-testmenti tiegħu u purché jiġu verifikati l-kwoti spettanti lill-partijiet f'din il-kawża kif wkoll [sic] il-konsistenza tal-assi li jridu jiġu diviżi;

(ii) in kwantu jirrigwarda l-qasma tal-assi ta' Giuseppa Buttigieg il-ġudizzju mhuwiex integru. Dan għaliex mhux minnu li l-wirt ta' Giuseppa Buttigieg huwa wirt battal. Fit-termini tal-artikolu 864(2) tal-Kap. 16 la darba l-ulied kollha ta' Giuseppa Buttigieg li kienu nominati werrieta irrinunzjaw [sic], awtomatikament jidħlu flokhom it-tfal tal-werrieta kollha bil-jedd tagħhom inniffishom u jirtu *per capita*. Għalhekk ulied il-partijiet kollha għandhom jiġu kjamati in kawża;

(iii) mingħajr preġudizzju għall-premess u in kwantu jirrigwarda dak allegat fir-rikors ġuramentat fir-rigward tal-kuntratt ta' donazzjoni datat sitta (6) ta' Mejju 2000 kif wkoll [sic] il-kuntratt ta' bejgħ datat ħamsa (5) ta' Diċembru 2001 kif korreġut b'att ieħor tal-erbatax (14) ta' Jannar 2005 kollha pubblikati fl-atti tan-Nutara Maria Grima, it-talbiet tal-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante li dak kollu li ġie dikjarat fl-imsemmija kuntratti kien veritier u kien jirrispekkja eżattament u fedelment il-volonta tal-partijiet komparenti fuq dawk il-kuntratti. Tali kuntratti assolutament la kienu simulati u lanqas ma saru b'xi animu biex xi ħadd mill-partijiet jiġi imcahhad [sic] minn xi dritt tiegħu. Fir-rigward tal-kuntratt ta' donazzjoni dan sar taħt il-patt u kundizzjonijiet speċifika li l-esponenti Mary Jane Buttigieg tibqa' iddur [sic] b'ommha kif fil-fatt għamlet u li tibqa' iddur [sic] b'oħtha Doreen kif għamlet, qiegħda tagħmel u sejra tibqa' tagħmel;

(iv) Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, sabiex jinħareġ il-valur nett li abbażi tiegħu irid [sic] jinħadem is-sehem riżervat, irid jitnaqqas il-valur kollu tas-serviġi li ġew reżi mill-konvenuti Mary Jane Buttigieg u Paul Buttigieg lil ommhom kif wkoll [sic] l-ispejjeż li l-istess

Mary Jane Buttigieg u Paul Buttigieg ħarġu għan-nom u fl-interess ta' ommhom;

(v) Illi in oltre fil-komputazzjoni tas-sehem riservat għandu jitnaqqas wkoll il-valur ta' kwalunkwe beni imħollija [sic] lir-rikorrenti fit-testmenti ta' ommhom kif wkoll [sic] dak kollu li r-rikorrenti ħadu mingħand Giuseppa Buttigieg b'titolu gratuwitu;

(i) Illi għalhekk filwaqt li l-esponenti ma joġġezzjonawx li ssir il-qasma tal-assi ta' Giuseppe Buttigieg bl-ispejjeż in kwantu jirrigwarda din il-qasma jiġu sopportati bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi tagħhom, it-talba sabiex il-kuntratti ta' bejgħ jiġu dikjarati simulati u t-talba sabiex il-valur tal-art mertu tal-kuntratt ta' donazzjoni jidħol fil-massa ereditarja għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Mario Scerri fil-kwalità tiegħu ta' kuratur deputat tal-wirt ġjaċenti ta' Giuseppa Buttigieg[3] illi eċċepixxa:**

1. ILLI l-kuratur deputat ma huwiex edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża, u f'dan l-istadju u sakemm jikseb aktar informazzjoni ġdida qiegħed jirrimetti għall-provi miġbura quddiem din l-Onorabbli Qorti;

2. ILLI din ir-risposta qiegħdha tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-Avukat sottoskritt fil-kwalità tiegħu ta' kuratur tal-wirt ġjaċenti ta' Giuseppa Buttigieg;

Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat ossia: [i] it-testment *unica charta* tal-5 ta' Jannar, 1989 in atti Nutar Michael Refalo maghmul mit-testaturi Guzepp u martu Giuseppa Buttigieg;[4] [ii] in-nota ta' insinwa numru GI/792/2000 li turi r-registrazzjoni ta' donazzjoni

[3] Risposta guramentata a fol 47.
[4] Dokument a fol 11 u 12.

rrevokabbli ta-nofs indiviz tal-fond *"Dar is-Sultan"*, fi Triq il-Kavallier Zammit Haber, ix-Xewkija, Ghawdex bl-art retrostanti maghmulha minn Josephine – Giuseppa – Buttigieg, armla ta' Giuseppe – Guzepp – Buttigieg lill Maria Giovanna Buttigieg fis-6 ta' Mejju, 2000 in atti Nutar Maria Grima;[5] [iii] l-att ta' bejgh tal-5 ta' Dicembru, 2001 in atti Nutar Maria Grima li bih Josephine – Giuseppa – Bittigieg bieghet lill Maria Giovanna Buttigieg in-nofs indiviz ta' diversi porzjonijiet art,[6] u; [iv] l-att korrettorju tal-14 ta' Jannar, 2005 in atti Nutar Maria Grima li bih gie korrett l-att diga msemmi tal-5 ta' Dicembru, 2001 bil-korrezzjoni saret fil-kejl superficjali ta' kull porzjon art b'dak l-att trasferita.[7]

**Rat** ir-rikors tal-atturi tat-12 ta' Gunju, 2018 li bih talbu l-hatra ta' kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-wirt battal ta' ommhom Giuseppa Buttigieg.[8]

**Rat** li l-bandi dwar it-talba ghal-hatra ta' kuratur deputat gew debitament notifikati u ppubblikati kif trid il-Ligi.[9]

**Rat** id-digriet tat-18 ta' Lulju, 2018 li bih giet nominata l-Avv. Dr. Deborah Camilleri sabiex tirraprezenta l-wirt battal ta' Giuseppa Buttigieg. [10]

**Rat** in-nota ta' rinunzja tal-inkarigu maghmulha mill-Avv. Dr. Deborah Camilleri nhar is-27 ta' Lulju, 2018.[11]

**Rat** id-digriet tal-31 ta' Lulju, 2018 li bih gie mahtur bhala kuratur deputat l-Avv. Dr. Mario Scerri in sostituzzjoni ghall-Avv. Dr. Deborah Camilleri.[12]

**Rat** li b'digriet tat-2 ta' Novembru, 2018[13] laqghet talba maghmulha mill-atturi b'rikors tat-30 ta' Ottubru, 2018 sabiex tigi nserita f'dawn l-atti kopja ta' relazzjoni tal-Periti John Saliba u Joseph P. Dimech li saret fl-atti tal-kawza fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Volontarja, numru 67/2007 AE. L-atturi sostnew li tali relazzjoni

[5] Dokument a fol 13. Kopja shiha tal-att ta' donazzjoni tinsab a fol 203 u 204 bi pjanti a fol 205u 206.
[6] Dokument a fol 14 sa 16.
[7] Dokument a fol 17 sa 20.
[8] Rikors a fol 22 u 23.
[9] Ref.: digriet tal-14 ta' Gunju, 2018 a fol 24, kopja tal-bandi a fol 25, riferta a fol 25 *retro pagina*.
[10] Digriet a fol 26.
[11] Nota a fol 37.
[12] Digriet a fol 38.
[13] Digriet a fol 51.

tikkontjeni valuri moghtija mill-istess periti fuq talba tal-konvenuta Mary Jane Buttigieg li huma applikabbli ghal din l-istanza u li huma lesti li joqodu fuqhom.[14]

**Rat** il-kopja tar-relazzjoni tal-Perit Joseph P. Dimech[15] u dik tal-Perit John Saliba.[16]

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018 intlaqghet talba ta' l-atturi ghal-hatra ta' perit tekniku sabiex jivvaluta l-proprjetajiet elenkati fir-relazzjonijiet tal-Periti Dimech u Saliba b'dan li gie mahtur ghal dan il-ghan il-Perit Valerio Schembri. Il-perit tekniku gie nkarigat jaghti valur tal-proprjetajiet relattivi [i] fiz-zmien kurrenti u; [ii] fiz-zmien meta sfat nieqsa Giuseppe Buttigieg, omm il-kontendenti. L-istess perit gie wkoll inkarigat jirrelata dwar jekk l-istess proprjetajiet humiex komodament divizibbli. [17]

**Rat** in-nota tal-atturi tal-20 ta' Dicembru, 2018 li biha ndikaw dawk li skonthom huma l-ishma ta' kull parti fil-kawza mill-wirt ta' missierhom.[18]

**Rat** in-nota ulterjuri tal-atturi tal-20 ta' Dicembru, 2018 li biha ezebew [i] kopja tar-ricerki fuq missierhom Guzepp Buttigieg, u; [ii] kopja tar-ricerki fuq ommhom Giuseppa Buttigieg.[19]

**Rat** in-nota tal-konvenuti tat-2 ta' Jannar, 2019 li biha kkonfermaw is-sehemijiet recoproci ta' kull parti kontendenti kif dikjarati mill-atturi salv ghal-legati relattivi.[20]

**Rat** ir-relazzjoni tal-perit tekniku, il-Perit Valerio Schembri, tat-12 ta' Frar, 2019.[21]

**Rat** li fl-udjenza tat-3 ta' Marzu, 2020 l-atturi ddikjaraw il-provi taghhom maghluqha.[22]

[14] Rikors a fol 50.
[15] Relazzjoni a fol 52 u 53 bi pjanti a fol 54 u 55.
[16] Relazzjoni a fol 56.
[17] Verbal a fol 58 u 59.
[18] Nota a fol 61 u 62 fejn l-atturi jghidu li kull wahda mill-10 partijiet f'din l-istanza ghandha sehem ta' wiehed minn ghaxra – 1/10 tal-proprjeta' u beni li kellu missierhom Guzepp Buttigieg.
[19] Nota a fol 63. Ricerka fuq Guzepp *sive* Joseph Buttigieg a fol 64 sa 104. Ricerka fuq Giuseppa *sive* Josephine Buttigieg a fol 105 sa 114.
[20] Nota a fol 116.
[21] Relazzjoni a fol 118 sa 125, inkluz *in verso pagina*, b'dokumenti a fol 126 sa 131.
[22] Verbal a fol 193.

**Rat** ir-rikors tal-konvenuti tal-5 ta' Marzu, 2021 li bih, wara li gibdu l-attenzjoni ghal-fatt li missierhom kellu f'idejh porzjon raba' bi qbiela maghrufa bhala *"Ta' Marziena"* fil-limiti tal-Munxar li l-partijiet, bi zvista, naqsu f'li jindikaw bhala proprjeta' ghad-divizjoni, talbu li jharrku sabiex jixhed lill rapprezentant tal-Awtorita' tal-Artijiet.[23]

**Rat** ir-risposta tal-atturi tal-15 ta' Marzu, 2021 fejn ghalkemm ma' oggezzjonawx ghat-talba tal-konvenuti *ivi* kontenuta fir-rikors taghhom tal-5 ta' Marzu, 2021; indikaw li r-raba' bi' qbiela maghruf bhala *"Ta' Marziena"* fil-limitit al-Munxar huwa wkoll maghruf bhala *"ta' Bubanak"* u ilu f'idejn l-atturi Emanuel u Francis Buttigieg sa' mill-1978 bil-qbiela dejjem thallset minnhom.[24]

**Rat** li b'digriet tas-17 ta' Marzu, 2021 ntlaqghet it-talba tal-konvenuti ghall-ingunzjoni ta' rapprezentant tal-Awtorita' tal-Artijiet.[25]

**Rat** in-nota tas-socjeta' *Automated Revenue Management Services Limited* tas-26 ta' April, 2021 li biha ezebit lista ta' pagamenti maghmulha dwar servizz intestat lill Giuseppa Buttigieg fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, ix-Xewkija.[26]

**Rat** li fl-udjenza tal-10 ta' Dicembru, 2021 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li fuq struzzjonijiet tal-Qorti attendew l-ufficcju tal-Awtorita' tal-Artijiet sabiex jikkjarifikaw il-kwistjoni tar-raba li missier il-partijiet kellu bi qbiela.[27]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2022 il-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa u l-kontro-ezamijiet ezawriti bil-kawza giet differita ghal prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet u ghas-sentenza.[28]

---

[23] Rikors a fol 287.
[24] Risposta a fol 296 u 297. B'ircevuta dwar hlas ta' qbiela ghas-sena 1978 fuq raba' *"ta' Bubanak"* a fol 298 u ohra ghas-sena 2021 dwar l-istess raba' *"ta' Bubanak"* – din id-darba bl-ispecifikazzjoni li dan jinsab f'Ta' Sannat – a fol 299.
[25] Digriet a fol 300.
[26] Nota a fol 339 b'dokument a fol 340u 341.
[27] Verbal a fol 450 u 451.
[28] Verbal a fol 516.

**Rat** li wara rikors tal-konvenuti tal-4 ta' Mejju, 2023[29] u risposta ghall-istess maghmulha mill-atturi fis-16 ta' Mejju, 2023,[30] il-konvenuti gew awtorizzati jezebixxu nota b'kopja tat-tlett testmenti msemmija fit-tieni premessi tar-rikors guramentat li ma' kienux in atti b'dan li giet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza.

**Rat** in-nota tal-konvenuti tal-5 ta' Settembru, 2023 li biha ezebew [i] vera kopja tat-testment *unica charta* maghmul minn Guzepp u Giuseppa konjugi Buttigieg fit-28 ta' Frar, 1976 in atti Nutar Giuseppi Cauchi; [ii] vera kopja tat-testment *unica charta* maghmul minn Guzepp u Giuseppa konjugi Buttigieg fit-19 ta' Awwissu, 1978 in atti Nutar Giuseppi Cauchi, u; [iii] vera kopja tat-testment *unica charta* maghmul minn Guzepp u Giuseppa konjugi Buttigieg fil-21 ta' Ottubru, 1985 in atti Nutar Michael Refalo.[31]

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet[32] u tal-kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-wirt battal ta' Giuseppa Buttigieg, l-Avv. Dr. Mario Scerri.[33]

**Rat** li b'digriet tat-12 ta' Jannar, 2024 il-kawza giet iddifferita ghal-lum ghas-sentenza.[34]

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Emanuel Buttigieg**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[35] Jiddikjara li missieru li miet fl-10 ta' Dicembru, 1991 kellu tlett proprjetajiet:

i. nofs indiviz tad-dar bl-isem *"Dar is-Sultan"*, fi Triq il-Kavallier Zammit Haber, ix-Xewkija, Ghawdex;
ii. nofs indiviz minn porzjon art magenb l-istess *"Dar is-Sultan"* li fiha madwar zewg sieghan jew aktar, u;

[29] A fol 540 u 541.
[30] Mhux paginata.
[31] Ilkoll mhux paginati.
[32] Nota tal-atturi a fol 520 sa 534. Nota tal-konnveuti a fol 552 sa 580.
[33] Nota tal-kuratur deputat ezebita nhar l-14 ta' Settembru, 2023 – mhux paginata.
[34] Digriet mhux paginat.
[35] Affidavit a fol 48.

iii. nofs indiviz mir-raba' maghruf bhala *"ta' l-Oghga"* fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex li kumplessivament fih aktar minn hamest'itmiem.

Izid li huma qieghdin ghaxart'ahwa b'missieru fit-testment tieghu nnominhom ilkoll eredi nkluz f'testment *unica charta* fejn qasam ir-raba' *"ta' l-Oghga"* f'ghaxar porzjonijiet.

Jghid li ommu Giuseppa mietet fit-8 ta' Awwissu, 2008 u halliet diversi testmenti b'dan li bidlet ukoll dak li kien thalla minnha u minn missieru flimkien fit-testmenti *unica charta* taghhom.

Jiddikjara li fis-sena 2000 ommu ghamlet kuntratt ta' donazzjoni li bih ghaddiet is-sehem indiviz taghha minn *"Dar is-Sultan"* lill ohtu Mary Jane Buttigieg. Izid li ftit wara dan ommu ghamlet kuntratt iehor, ta' bejgh, fejn bieghet lill-istess ohtu Mary Jane sehema mir-raba' *"ta' l-Oghga"*.

Jghid li dan sar sabiex ommu ghaddiet il-proprjeta' kollha taghha lill-ohtu u ma' kien baqa' xejn mill-wirt taghha ghalih u ghal hutu l-ohrajn.

Jiddikjara li l-valuri dikjarati fil-kuntratti maghmulha minn ommu huma rrizorji u huwa car ghalhekk li dawn saru biss sabiex ma' jibqa' xejn x'jinqasam bejnu u bejn hutu.

Izid li ghamlu varji tentattivi sabiex jaslu ghal ftehim izda dan safa inutili u ghalhekk kellhom jintavolaw din il-kawza.

**In kontro-ezami**, xehed[36] li mhux Mary Jane biss kienet iddur b'ommhom u ohthom Doreen izda sa l-2006 kulhadd kien imidd idu. Jghid li fl-2006 Mary Jane keccithom.

Jghid li wara l-2006 kienet Mary Jane li ddur b'Doreen.

Jghid li qabel l-2006 ma' kellhomx *roster* ta' kif jinqasam ix-xoghol izda kulhadd kien ikun id-dar u jghin.

[36] Traskrizzjoni a fol 500 sa 508.

Jghid li huma Mary Jane u Paul li ghandhom jirrispondu dwar ghalfejn huma, ir-rimanenti ahwa, tkeccew il-barra mid-dar tal-ġenituri. Jghid li Mary Jane cahdithom minn ommhom u minn ohthom Doreen. Izid li Mary Jane lill ommhom u lill ohthom Doreen tefathom f'kamra f'kantina.

Mistoqsi jekk Mary Jane talbitx l-ghajnuna b'ommhom u ohthom jghid li huma dejjem ghinuha.

Jichad li lill Mary Jane qalilha sabiex lill ommhom u ohthom Doreen tpoggihom go *residential home*.

Mistoqsi kif jghid li Mary Jane keccithom mid-dar meta huh John Mary, meta kien hawn mis-safar, mar ghand Mary Jane b'uliedu minghajr problemi, jghid li Mary Jane keccitu.

Jaqbel li missieru hallilhom raba' fejn jahdmu fuq wara.

Jghid li fl-2006 ommu qaltlu li hi hallitilhom kif hallilhom missierhom. Izid li dak li ghamlet Mary Jane ghamlitu minn wara dahar ommhom.

**George Scerri**, rapprezentant tal-*Bank of Valletta*, xehed[37] li Guzepp Buttigieg qatt ma' kellu kontijiet maghhom mentri Giuseppa Buttigieg kellha kont li nfetah fis-27 ta' Awwissu, 2001 u nghalaq fid-29 ta' Novembru, 2008.

Jghid li mhux cert kif inghalaq il-kont ta' Giuseppa Buttigieg izda jahseb li nghalaq rizultat tal-mewt taghha. Izid li ma' jafx minn talab l-gheluq tal-istess kont.

Jezebixxi kopja tal-i*statments* tal-kont intestat lill Giuseppa Buttigieg mid-data tal-ftuh sad-data tal-gheluq tieghu.[38]

**Dr. Mary Debono Borg**, Direttrici tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex, xehdet[39] li hija giet imharrka sabiex tipprezenta kopja tal-atti processwali rigward l-interdizzjoni ta' Theodora *sive* Doreen Buttigieg u n-nomina bhala kuratrici taghha ta' ohta Mary Jane Buttigieg.

---

[37] Traskrizzjoni a fol 142 u 143.
[38] *Statements* a fol 144 sa 159.
[39] Traskrizzjoni a fol 160.

Tipprezenta kopja tal-atti tal-istess proceduri.[40]

**Dr. Sean Apap Meli**, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, xehed[41] li Guzepp Buttigieg beda jircievi ghajnuna socjali mis-sena 1988 u kompla hekk jircievi sas-sena 1991.

Jghid li Giuseppa Buttigieg irciviet beneficcji mill-11 ta' Dicemrbu, 1991 sat-8 ta' Awwissu, 2008 u dan fil-valur ta' kwazi €93,000.

Jghid li Giuseppa kellha *helper* b'dan li allura kienu jinqatawla €2.33 kull darba li tmur ghandha l-istess *helper*.

Izid li Giuseppa Buttigieg kellha agent, li kienet Mary Jane Buttigieg.

Jispjega li "agent" iffisser bniedem li jista jsarraf ic-cekk tal-beneficcjarju, f'dan il-kaz ta' Giuseppa.

Jghid li mhuwiex cert jekk id-dipartiment ghandux dettalji dwar meta Mary Jane bdiet tagixxi bhala agent ta' Giuseppa.

Jixhed imbaghad dwar Theodora Buttigieg. Jghid li din tiehu beneficcju tad-dizabilita'. Izid li l-istess Theodora ghandha wkoll agent u aministratrici li l-ewwel kienet Giuseppa u, wara mewt Giuseppa, saret Mary Jane Buttigieg.

Jghid li Mary Jane Buttigieg imbaghad kienet tircievi pensjoni tal-invalidita' u pensjoni kontributorja. Izid li l-pensjoni tal-invalidita' bdiet u baqghet tehodha wara li kienet giet *boarded out* b'dan li meta lahqet l-eta' pensjonabbli bdiet tiehu l-pensjoni kontributorja – ossia dik li tithallas meta tkun thallset bizzejjed bolla.

**In kontro-ezami**, xehed[42] li Mary Jane kienet impjegata ma' *Blue Bell Malta Limited* mit-28 ta' April, 1971 sal-24 ta' Awwissu, 1986 imbaghad ma' *MP Clothing Limited* mil-25 ta' Awwissu, 1986 sas-26 ta' Awwissu 1987.

---

[40] Kopja tal-atti processwali maghluqin f'envelop ta' lewn kannella a fol 162.
[41] Traskrizzjoni a fol 163 sa 172.
[42] Traskrizzjoni a fol 172 sa 174.

Izid li wara dan Mary Jane harget bil-pensjoni tal-invalidita' li hadet mil-1987 sal-2005 meta bdiet tircievi l-pensjoni kontributorja.

Jezebixxi rendikonti relattivi ghal beneficcji u kontribuzzjonijiet ircevuti minn Guzepp Buttigieg,[43] Giuseppa Buttigieg,[44] Theodora Buttigieg,[45] u Mary Jane Buttigieg[46].

**B'nota tieghu tat-3 ta' Dicembru, 2019**, ix-xhud Dr. Sean Apap Meli jikkonferma li d-dipartiment m'ghadtx ghandu d-data preciza ta' meta giet appuntata Mary Jane Buttigieg bhala agenta ta' Giuseppa Buttigieg minhabba li l-fajl ta' Giuseppa gie distrutt wara hames snin minn mewtha. Izid izda jikkonferma dwar Theodora Buttigieg li l-ewwel agenta taghha kienet Giuseppa Buttigieg u dan sas-27 ta' Dicembru, 1991 meta mbaghad giet appuntata agenta taghha Mary Jane Buttigieg.[47]

**Francis Buttigieg**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[48] Jiddikjara li missieru li miet fl-10 ta' Dicembru, 1991 kellu tlett proprjetajiet:

i. nofs indiviz tad-dar bl-isem *"Dar is-Sultan"*, fi Triq il-Kavallier Zammit Haber, ix-Xewkija, Ghawdex;
ii. nofs indiviz minn porzjon art magenb l-istess *"Dar is-Sultan"* li fiha madwar zewg sieghan jew aktar, u;
iii. nofs indiviz mir-raba' maghruf bhala *"ta' l-Oghga"* fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex li kumplessivament fih aktar minn hamest'itmiem.

Jghid li n-nofs indiviz l-iehor ta' dawn il-proprjetajiet kien ta' ommu peress li tali proprjetajiet ilkoll nxtraw mil-genituri tieghu fiz-zwieg taghhom.

Izid li huma qieghdin ghaxar t'ahwa b'missieru fit-testment tieghu nnominhom ilkoll eredi nkluz f'testment *unica charta* fejn qasam ir-raba' *"ta' l-Oghga"* f'ghaxar porzjonijiet.

---

[43] Dokumenti a fol 176 u 177.
[44] Dokumenti a fol 178 sa 180.
[45] Dokumenti a fol 181 u 182.
[46] Dokumenti a fol 183 sa 187.
[47] Nota a fol 190 b'dokumenti a fol 191 u 192.
[48] Affidavit a fol 198 u 199.

Jghid li tali testmenti kienu jinkludu wkoll in-nofs indiviz porzjon ta' ommu.

Jghid li ommu Giuseppa mietet fit-8 ta' Awwissu, 2008 u halliet diversi testmenti b'dan li bidlet ukoll dak li kien thalla minnha u minn missieru flimkien fit-testmenti *unica charta* taghhom.

Jiddikjara li fis-sena 2000 ommu ghamlet kuntratt ta' donazzjoni li bih ghaddiet is-sehem indiviz taghha minn *"Dar is-Sultan"* lill ohtu Mary Jane Buttigieg. Izid li ftit wara dan ommu ghamlet kuntratt iehor, ta' bejgh, fejn bieghet lill-istess ohtu Mary Jane sehema mir-raba' *"ta' l-Oghga"*.

Jiddikjara li l-valuri dikjarati fil-kuntratti maghmulha minn ommu huma rrizorji u huwa car ghalhekk li dawn saru biss sabiex ma' jibqa' xejn x'jinqasam bejnu u bejn hutu.

Izid li fl-att ta' bejgh ommu anqas biss irciviet il-hlas hemm dikjarat b'dan il-kuntratt huwa ghalhekk simulat.

Jghid li dan sar sabiex ommu ghaddiet il-proprjeta' kollha taghha lill-ohtu u ma' kien baqa' xejn mill-wirt taghha ghalih u ghal hutu l-ohrajn.

Izid li ghamlu varji tentattivi sabiex jaslu ghal ftehim izda dan safa inutili u ghalhekk kellhom jintavolaw din il-kawza.

Izid jghid li ohtu Mary Jane ghamlet proceduri fil-Qorti Volontarja sabiex hakmet ukoll sehem ohthom Doreen.

**In kontro-ezami**, xehed[49] li sal-2006 kull wiehed mill-ahwa kien idur b'ommhom u ohthom Doreen sakemm imbaghad, fl-2006, Mary Jane keccithom.

Mistoqsi ghalfejn keccithom jghid li ma' jafx. Izid li dak iz-zmien kien hemm Paul u lilu qaltlu ma' jmurx aktar.

Jikkonferma li hu jahdem bicca raba' li halla missieru fuq Emanuel. Jghid li dan jaghmlu flimkien ma' Emanuel.

[49] Traskrizzjoni a fol 510 sa 515.

Mistoqsi ghandhomx raba' iehor apparti l-bicca li jahdem ma' Emanuel jghid li ma' jafx ghax jiehu hsieb Emanuel. Izid li hu m'ghandu ebda kera fuqu.

Jghid li huwa wara l-2006 gie mwarrab. Jghid li ma' jafx Mary Jane, Paul, u ommu x'kienu qed jaghmlu.

Mistoqsi jekk Mary Jane qattx talbitu ghajnuna jghid li huma kollha kienu jaghtu daqqa t'id. Jghid li lilu personalment darba talbitu ghajnuna ghal xi tabib.

**Dr. Anton Grech**, psikjatra, xehed[50] li lill-konvenuta Theodora *sive* Doreen Buttigieg jafha ghax mis-sena 2007 'il quddiem ttiehdet diversi drabi ghandu. Izid li Doreen dejjem ittiehdet ghandu minn ohta, Mary Jane.

Jghid li Doreen ghandha dizabbilita' intelletwali severa b'dan li tittiehed ghandu minhabba attakki ta' paniku li jtuha.

Jghid li huwa difficli jinghad x'inhu s-sors tal-attakki ta' paniku li jaghtu lill Doreen anke peress li Doreen ma' titkellimx. Jghid li Mary Jane tghinu jghin lill Doreen stante li l-ahwa bejniethom ghandhom mod ta' kommunikazzjoni bil-gestikulazzjonijiet.

Jghid li Doreen mhijiex kapaci tiehu hsieb taghha nnifisha.

Jghid li bhala medicina minhabba l-attakki tal-paniku Doreen tiehu l-*Valium*, *Emepromin*, *Deanxit*, u *Paroxetine*.

**Dr. Joseph Rapa**, tabib mediku, xehed[51] li lil-familja Buttigieg ilu jafha ghal' fuq minn 15-il sena. Jghid li huwa kien jinvista lill Giuseppa u jinvista wkoll lill Theodora *sive* Doreen.

Jghid li lill Giuseppa jafha diga anzjana izda indipendenti, minkejja li kellha lill Mary Jane tghix maghha u ddur biha.

[50] Traskrizzjoni a fol 215 sa 218.
[51] Traskrizzjoni a fol 219 sa 224.

Jghid li lill Giuseppa huwa baqa' jaraha sa' mewtha fl-2008. Jghid li lejn l-ahhar kienet naqsset mis-sahha imma kien ghadha f'sensiha, taghrfu u tkellmu. Izid li Giuseppa kienet baqghet f'darha, *"Dar is-Sultan"*, Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber.

Jghid li lill Giuseppa kien jaraha mad-dar kollha, skond fejn kienet tkun, stante li ma' kienitx mixhuta f'sodda.

Jghid li lill Doreen beda jaraha lejn is-sena 2000. Izid li Doreen ghandha *learning disability* u hija dipendenti. Jghid li hija Mary Jane li tiehu hsieb – u dejjem hadet hsieb – il-bzonnijiet ta' Doreen.

Jghid li Doreen ma' tesprimix ruhha b'dan li jekk Mary Jane taraha mhijiex sew huwa jaghmel vista shiha. Izid li Doreen ma' tistax tghix wahidha.

Jghid li jaf li Doreen tiehu xi kalmanti u li huwa dwar Doreen jikkomunika ma' Mary Jane.

**Dr. Michael Refalo**, tabib mediku, xehed[52] li l-fajl ta' Giuseppa gie distrutt stante li ghaddew 10 snin mil-mewt taghha. Izid li l-unika nformazzjoni li jista' jaghti hija dik li estrapola mis-sistema tal-kompjuter meta Giuseppa kienet l-isptar bejn is-snin 2000 u 2008.

Jghid li fil-21 ta' Novembru, 2007 Giuseppa ddahlet l-isptar fejn damet sad-29 ta' Novembru, 2007. Jghid li m'ghandux informazzjoni dwar ir-raguni ghalfejn kienet giet rikoverata.

Izid li wara dan, regghet iddahlet l-isptar fis-7 ta' Awwissu, 2008 b'dan li mietet l-ghada, it-8 ta' Awwissu.

Jghid li nformazzjoni dwar kundizzjonijiet li setghet kienet tbaghti minnhom jew x'livell ta' dipendenza kellha m'ghandux.

Dwar Doreen Buttigieg jghid li din tbaghti minn *celebral palsy* li milli jista jara sfat mat-twelid taghha.

Jghid li Doreen giet rikoverata l-isptar diversi drabi u ta' spiss.

[52] Traskrizzjoni a fol 225 sa 233.

Izid li Doreen hija kompletament dipendenti fuq haddiehor. Jghid li l-kuntatt tal-isptar dwar Doreen dejjem kienet Mary Jane. Izid li Doreen tiehu diversi medicini ghad-depressjoni kif ukoll xi psikosi.

**In kontro-ezami**, xehed[53] li bejn is-snin 2000 u 2008 Giuseppa ddahlet l-isptar darbtejn biss, bit-tieni darba kienet jum qabel mietet.

**Dr. Franco Mercieca**, dentist, xehed[54] li lill Doreen jafha l-isptar Generali ta' Ghawdex u anke fil-klinika privata tieghu u ilha jafha xi 15-il sena.

Jghid li Doreen hija dizabbli u ghandu kienet tittiehed ghad-dentistrija wara intervent li kien sarilha f'halqa. Jghid li Doreen belghat id-dentatura diversi drabi b'dan li bezghu u ghalhekk sarula diversi nterventi ta' impjanti permanenti.

Jghid li Doreen ta' spiss kien jaraha u marret ghandu 'l fuq minn 40 darba. Jirrikonoxxi lill Mary Jane bhala l-persuna li tiehu hsieb lill Doreen, maghha jikkomunika dwar Doreen, u tiehu lill Doreen ghandu.

Jghid li anke appuntamenti u meta kien hemm bzonn li Doreen tinghata l-anestesija dejjem Mary Jane hadet hsieb u tghat il-kunsens.

**Giorgina Gauci**, in rapprezentanza tal-*Bank of Valletta*, xehdet[55] li meta deher quddiem il-Qorti l-kollega taghha George Scerri dan intalab informazzjoni dwar kif inghalaq il-kont bankarju ta' Giuseppa Buttigieg.

Tghid li ghalkemm il-kont bankarju ta' Giuseppa inghalaq wara l-mewt taghha, fih kien hemm biss €10. Izzid li peress li dan gara fl-2008, is-*slips* – *withdrawal* u *deposits* – relattivi gew distrutti stante li ghaddew 6 snin mill-gheluq tal-kont. Tghid li ghalhekk m'ghandix spjegazzjoni dwar minn gibed l-€10 li kien fadal fil-kont.

**In kontro-ezami**, xehdet[56] li jekk jirrizulta lill-partijiet li hemm kont iehor oltre dak intestat lill Giuseppa li ssemma minnhom, dan ma' issemmiex minnhom ghaliex ma' inghatawx numru ta' karta tal-identita' dwaru.

[53] Traskrizzjoni a fol 233 sa
[54] Traskrizzjoni a fol 235 sa 238.
[55] Traskrizzjoni a fol 240 sa 242.
[56] Traskrizzjoni a fol 242 sa 244.

Mogħtija numru ta' kont addizzjonali intestat lill-eredi ta' Joseph – Guzepp – Buttigieg tgħid li jekk tali kont kien *fixed term* sal-10 ta' Jannar, 2020 kif qiegħed jiġi suġġerit lilha u ħadd ma' kellimhom dwaru, dan ikun ġie mġedded awtomatikament.

Taqbel li sabiex jingħalaq kont intestat lill-eredi ta' xi ħadd tkun trid issir ir-riċerka testamentarja. Iżid li tali kont ma' jistax jingħalaq minn xi eredi partikolari waħdu.

Tobbliga ruħha li tippreżenta nota b'informazzjoni dwar il-kont intestat lill-eredi ta' Guzepp Buttigieg. Tippreżenta l-istess nota b'annessi magħha rendikont tal-kont tal-eredi ta' Guzepp Buttigieg u kopja legali ta' deċiżjoni li ttieħdet dwar il-bilanċ miżmum fl-istess sad-data ta' mewtu.[57]

**In re-eżami**, xehdet[58] li l-kont intestat lill-eredi ta' Giusepp Buttigieg għadu miftuħ.

**Angelo Parnis**, rappreżentant tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.*, xehed[59] li r-*records* tal-bank imorru lura biss għal-2001 b'dan li ma' jistax jgħid jekk sal-ġurnata tal-mewt tiegħu, Guzepp Buttigieg, li miet fl-1991, kellux xi kont magħhom mentri jista' jgħid li Giuseppa Buttigieg, li mietet fl-2008, ma kellha ebda kont magħhom dakinhar tal-mewt tagħha.

**Emanuel Cutajar**, konoxxenti tal-konvenuti, xehed[60] li lill-konvenuti Mary Jane u Paul Buttigieg ilu jafhom xi 12-il sena stante li għandu tifla miżżewġa and Paul.

Jgħid li kemm Mary Jane kif ukoll Paul jiehdu ħsieb ta' oħthom Doreen u hekk ilu jafhom jagħmlu sa' minn meta ltaqgħa magħhom. Iżid li kull meta jiltaqgħu, kemm jekk hu u familtu jmorru għand il-konvenuti jew il-konvenuti jmorru għandhom, Doreen dejjem tkun ma' Mary Jane.

**Caroline Cini**, konoxxenti tal-konvenuti, xehdet[61] li lill-konvenuti Mary Jane u Paul ilha tafhom xi 12-il sena għaliex oħtha miżżewġa lit-tifel ta'

[57] Nota a fol 257, rendikont u deċiżjoni f'envelop ta' lewn abjad a fol 258.
[58] Traskrizzjoni a fol 283.
[59] Traskrizzjoni a fol 246 u 247.
[60] Traskrizzjoni a fol 262 u 263.
[61] Traskrizzjoni a fol 264 u 265.

Paul. Tghid li Doreen dejjem ma' Mary Jane u Paul. Izzid li Mary Jane kull fejn tmur tehodha maghha.

Tghid li Mary Jane mohha biss f'Doreen, tiehu hsiebha, u tehodha ghal kull ma' jkolha bzonn.

**Dun Gwann Mizzi**, xehed[62] li lill Mary Jane u Paul Buttigieg jafhom minn meta kien imur iqarben lill-ommhom Giuseppa u lill ohthom Doreen. Jghid li dan beda xi 6 snin qabel, jew aktar, u kien imur iqarbinhom darba fil-gimgha, nhar ta' Sibt.

Jghid li Mary Jane kienet tiehu hsieb lill ommha Giuseppa u ukoll tiehu hsieb ta' ohtha Doreen.

Jghid li kemm lill Giuseppa u kemm lill Doreen gieli sabhom fis-sodda. Izid li huwa baqa' jmur iqarben lill Doreen wara l-mewt ta' ommha u waqaf biss jaghmel hekk ftit ta' zmien ilu.

**In kontro-ezami**, xehed[63] li ghalkemm ma' jiftakarx meta naqset Giuseppa, huwa kien imur iqarbina u baqa' jmur iqarben lill bintha Doreen wara mewtha.

**John Camilleri**, konoxxenti tal-konvenuti, xehed[64] li lill Mary Jane u lill Doreen ilu jafhom madwar 30 sena u dan mic-Centru tal-Persuni b'Dizabilita' fejn huwa kien il-kap u fejn kienet tattendi Doreen.

Jghid li huwa kien Kap tac-Centru tal-Persuni b'Dizabilita' ghal madwar 20 sena.I li Doreen ghamlet xi 15-il sena tattendi c-centru.

Jghid li c-centru Doreen kienet jew tasal bil-van organizzat ghalhekk jew titwassal minn ohtha Mary Jane. Izid li ghal kull ma' kien ikun hemm bzonn dwar Doreen dejjem lill Mary Jane sabu. Jghid li fil-fatt fil-bidu kien jahseb li omm Doreen hija Mary Jane.

Jghid li oltre dan Mary Jane u Doreen kienu parti minn grupp volontarju dedikat lill familji ta' persuni b'dizabilita' li jiltaqa' kull nhar ta' Erbgha, fic-centru wkoll.

[62] Traskrizzjoni a fol 266 u 267.
[63] Traskrizzjoni a fol 268.
[64] Traskrizzjoni a fol 269 sa 271.

**In kontro-ezami**, xehed[65] li Doreen kienet tkun ic-centru mit-Tnejn sal-Gimgha u nhar ta' Erbgha kemm filghodu kif ukoll filghaxija. Jghid li l-hinijiet kienu dawk tax-xoghol; bejn it-8 ta' filghodu u t-3 ta' wara nofsinhar.

Jghid li c-centru mhuwiex ghat-tfal izda ghal-persuni tal'fuq minn 21 sena li ghandhom dizabilita'. Izid li qabel il-21 sena persuni b'dizabilita' jattendu Ta' Sannat.

**Mary Rose Grima**, konoxxenti tal-konvenuti, xehdet[66] li lill Mary Jane u lill Paul tafhom stante li hi kienet tattendi lill Doreen tramite l-Agenzija Sapport.

Tghid li fil-bidu hija kienet tmur tqatta' saghtejn fil-gimgha ma' Doreen, siegha nhar ta' Tnejn u siegha nhar ta' Gimgha. Izid li fl-ahhar sentejn kienet tattendi lill Doreen tlett darbiet fil-gimgha, it-Tnejn, l-Erbgha, u l-Gimgha, ghal saghtejn kull darba, b'total ta' sitt sieghat fil-gimgha.

Tghid li l-hin taghha ma' Doreen dejjem kien fid-dar ta' Mary Jane, *"Dar is-Sultan"*, Triq il-Kavallier Zammit Haber, ix-Xewkija.

Tghid li hi damet tattendi lill Doreen ghal 11-il sena, bejn l-2008 u l-2019.

Tispjega li s-sieghat ma' Doreen telghu minn tnejn ghal sitta fil-gimgha stante li fil-bidu hija kellha aktar klijenti u allura ma' Doreen kien hemm haddiehor mentri mbaghad hadet is-sieghat ma' Doreen kollha hi.

Tghid li ma' Doreen dejjem Mary Jane kien hemm u Mary Jane kienet tiehu hsiebha. Tghid li gieli rat ukoll lill Paul u fil-bidu li bdiet ma' Doreen tiftakar ukoll lill ommha, Giuseppa.

Tghid li dak iz-zmien Giuseppa kienet dipendenti fuq Mary Jane ghax kellha *dementia* qawwija. Izid li Doreen ukoll trid kollox minn Mary Jane.

Tghid li lill Giuseppa kienet issibha bilqieghda fil-bitha jew fil-kcina u ftit kienet tikkomunika maghha. Izzid li lill Giuseppa tafha fl-ahhar tlett xhur jew erba' ta' hajjitha ghax imbaghad mietet.

[65] Traskrizzjoni a fol 271.
[66] Traskrizzjoni a fol 273 sa 275.

Tghid li Paul kien jaghti daqqa' t'id lill Mary Jane.

**In kontro-ezami**, xehdet[67] li ma' tafx jekk wara li spiccat hi fl-2019 dahalx xi hadd iehor flokha mill-Agenzija Sapport. Izzid li s-servizz taghha jithallas mill-Agenzija.

Tikkonferma li hi bdiet ma' Doreen fl-2008 u lill ommha Giuseppa dak iz-zmien tiftakarha fl-ahhar ta' hajjitha. Izzid li lill Giuseppa kienet izda tafha fl-1990 meta kien hemm grupp jiltaqa' volontarjament f'Ghajnsielem u kienu jattendu Giuseppa, Mary Jane, u Doreen. Tghid li dak iz-zmien Giuseppa kienet fi stat ta' sahha tajjeb.

Tghid li hi taf lill Giuseppa fi stat ta' sahha baghtut biss fl-ahhar xahrejn jew tlieta ta' hajjtiha. Izzid li dak iz-zmien Giuseppa xorta anqas kienet *bed ridden*.

**Carmen sive Carmela Rapa**, konoxxenti tal-konvenuti, xehdet[68] li lill Mary Jane ilha tafha 9 snin stante li kienet *helper* maghha. Izzid li sabiex tippresta s-servizz taghha kienet tmur id-dar ta' Mary Jane, fix-Xewkija.

Tghid li f'dar Mary Jane, apparti Mary Jane kien ikun hemm ohtha Doreen, ommhom Giuseppa, u xi drabi Paul. Izzid li Paul kien imur jaghtihom daqqa t'id.

Tghid li Mary Jane kienet li tiehu hsieb lill ommha Giuseppa u ohtha Doreen u dan ghal erbgha u ghoxrin siegha kuljum.

Tghid li fiz-zmien li taf lill konvenuti hi, Giuseppa u Doreen kienu dipendenti fuq Mary Jane. Tghid li dak iz-zmien Giuseppa kellha d-*dementia* mentri Doreen ghandha dizabilita'.

Tghid li Paul biss kien li jaghti daqqa t'id lill Mary Jane. Tghid li Paul kien johrog kemm lill ommu kif ukoll lill ohtu Doreen sabiex ohtu Mary Jane tkompli bil-facendi tad-dar.

Tghid li hi kienet tkun ghand Mary Jane ghal saghtejn kuljum, hames t'ijiem fil-gimgha. Izzid li damet taghmel dan ghal 9 snin.

---

[67] Traskrizzjoni a fol 275a.
[68] Traskrizzjoni a fol 276 sa 279.

**In kontro-ezami**, tghid[69] li hija kienet impjegata mal-Gvern, Dipartiment tal-Anzjani, u kienet assenjata tghin lill Giuseppa izda ovvjament kienet tghin lill Mary Jane ukoll. Izzid li ghal xogholha kienet tithallas mil-Gvern.

Mistoqsija jekk Giuseppa kienitx mindu bdiet mal-familja hi diga dipendenti fuq Mary Jane jew jekk ghal bidu kienitx f'kundizjzoni tajba tghid li forsi ghamlet tlett snin tajba mbaghad bdiet taqbadha d-*dementia*.

Ma' taqbilx li d-deterjorament ta' Giuseppa sehh fl-ahhar sena, sena u nofs.

**In kontro-ezami ulterjuri**, xehdet[70] li ma' Giuseppa u Mary Jane ghamlet kwazi 10 snin *helper*. Tghid li hi kienet assenjata ma' Giuseppa u Doreen minkejja li Doreen ma' kienitx anzjana.

Tghid li hi ma' Giuseppa u Doreen kienet taghmel 6 sieghat fil-gimgha, siegha kuljum. Tghid li kienet toqod ma' Doreen sakemm Mary Jane tahsel lill ommha u ma' Giuseppa sakemm Mary Jane tahsel lill Doreen.

Tghid li fiz-zmien li kien ikun hemm hi ma' kinex hemm *helper* ohra izda wara li spiccat hi ma tafx.

Tghid li tul iz-zmien li ghamlet tkun id-dar ta' Giuseppa fl-istess dar dejjem rat biss lill Mary Jane, Doreen, u Paul, hadd aktar.

Tghid li taf li kien hemm zmien fejn Doreen kienet tattendi centru izda ma' tafx kemm damet tmur.

**Miriam Curmi**, in rapprezentanza tas-socjeta' tat-telekommunikazzjoni *GO p.l.c.* xehdet permezz ta' affidavit.[71]

Tiddikjara li fid-dar maghrufha bhala *"Dar is-Sultan"*, fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, ix-Xewkija, hemm registrat servizz wiehed tat-telefon li beda f'Novembru, 2008 u huwa rregistrat fuq isem Mary Jane Buttigieg.

[69] Traskrizzjoni a fol 280 sa 282.
[70] Traskrizzjoni a fol 477 sa 483.
[71] Affidavit a fol 307.

Tezebixxi rendikont tal-hlasijiet maghmulha dwar l-istess servizz.[72]

**Karl Borg**, in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Artijiet, xehed[73] li fuq isem Guzepp Buttigieg ta' *"Dar is-Sultan"*, Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, ix-Xewkija, hemm irregistrata l-art *"Ta' Marziena"*, tal-kejl ta' cirka 11,360m.k., f'Ta' Sannat.

Jghid li din l-art kienet tal-Knisja u giet ghand l-Awtorita' fl-1996.

Jobbliga ruhu li jipprezenta pjanta tar-raba' in kwistjoni u rcevuti dwar hlas ta' qbiela b'informazzjoni dwar minn ihallas l-istess.

Jghid li ma' jistax iforni nformazzjoni dwar minn ihallas il-qbiela fuq din ir-raba' stante li l-ircevuti dejjem johorgu fuq il-persuna registrata.

Jghid li l-istess Guzepp Buttigieg kellu xi raba' maghruf bhala *"Ta' l-Oghga"* fil-limiti tax-Xewkija. Izid li dan ukoll kien mizmum minnu bi qbiela.

Jobbliga ruhu li jipprezenta wkoll pjanta tar-raba' *"Ta' l-Oghga"* u rcevuti dwar hlas ta' qbiela fuq l-istess b'informazzjoni dwar minn ihallas l-istess.

Mistoqsi jekk l-art *"Ta' l-Oghga"* kienx fil-fatt b'cens u mhux qbiela jghid li jrid jiccekja.

Jghid li dawn il-bicctejn raba' li semma' huma l-unici li skond ir-*records* taghhom kienu mizmuma minn Guzepp Buttigieg.

Jghid li kienu saru xi applikazzjonijiet sabiex jigu rikonoxxuti persuni ohrajn bhala dawk li qed jahdmu l-art registrata fuq Guzepp izda dawn ghadhom ma' nhadmux. Izid li l-applikazzjonijiet kienu jikkoncernaw l-art *"Ta' Marziena"*.

Jobbliga ruhu li jezebixxi wkoll dettalji dwar l-applikazzjonijiet li semma'.

---

[72] Rendikont a fol 311 sa 314 – inkluz *in verso pagina*.
[73] Traskrizzjoni a fol 315 sa 326.

**Jezebixxi nota** nhar id-29 ta' April, 2021 li biha jipprezenta [i] sensiela ta' dokumenti relattivi ghar-raba *"Ta' Marziena"* f'Ta' Sannat inkluz pjanta; [ii] sensiela ta' dokumenti relattivi ghar-raba' *"Ta' Bebenak II sive Ta' Marziena"* f'Ta' Sannat, u; [iii] sensiela ta' dokumenti relattivi ghal-proprjetajiet numru J01564, J01566, J01568, u J01567.

**In kontinwazzjoni**, xehed[74] li mad-dokumenti minnu ezebiti flimkien man-nota tieghu tad-29 ta' April, 2021,[75] hemm *site plan* a fol 350 li turi l-art *"Ta' Marziena"* maqsumha fi plottijiet.

Riferut ghal-istess *site plan* re-ezebit a fol 425 fejn kull plot separat inghata numru u mitlub jghid x'applikazzjonijiet saru rigward kull wiehed minn tali plottijiet, jghid li: [i] fejn huwa mmarkat bin-numru wiehed kien hemm applikazzjoni minn Nicola u Rose Buttigieg; [ii] fejn huwa mmarkat bin-numru tnejn ma' sarux applikazzjonijiet; [iii] fejn hu mmarkat bin-numru tlieta hemm applikazzjoni ta' Emanuel u Emanuela Spiteri u ohra ta' Mario u Josephine Attard,, u; [iv] fejn hu mmarkat bin-numri erbgha u hamsa flimkien hemm applikazzjoni ta' Lawrence u Rose Vella u ohra ta' Catherine u Joe Muscat.

Jghid li minn dawn l-applikazzjonijiet wahda waslet ghal-kuntratt mentri l-ohrajn gew ipprocessati imma ghadu ma' sarx kuntratt.

**In kontro-ezami**, xehed[76] li l-applikazzjonijiet li semma saru wara skema tal-2002 sabiex minn qed jokkupa xi art japplika ghar-rikonoxximent.

Izid li tali applikazzjonijiet kellhom isiru bil-permess ta' minn ikollu l-art irregistrata fuqu, f'dan il-kaz ta' Guzepp Buttigieg li fuqu tirrizulta rregistrata l-medda art kollha.

Muri sensiela ta' ircevuti li fil-bidu kienu jinhargu mil-Katidral ta' Ghawdex imbaghad bdew jinhargu mill-Ufficju Kongunt u wara dan mill-Awtorita' tal-Artijiet u mistoqsi jekk dawn jirreferux ghall-istess medda art jghid li ma' jistax jghid ghax m'hemmx pjanti.

[74] Traskrizzjoni a fol 430 sa 434.
[75] Nota a fol 343 *et seq*.
[76] Traskrizzjoni a fol 434 sa 444.

Jaghraf izda numru – J208822 – u jobbliga ruhu li jikkonferma jekk l-istess ircevuti jirreferux ghall-istess territorju u jekk iva lill minn jghajjat tali territorju.

Wara diksussjoni bejn ix-xhud u d-difensur tal-partijiet, gie maqbul li d-difensuri tal-partijiet jattendu l-ufficju tax-xhud sabiex jezaminaw il-pjanti u jestrapolaw l-informazzjoni li jqiesu rilevanti huma.[77]

**In kontinwazzjoni**, xehed[78] li wara l-ahhar xhieda tieghu d-difensuri tal-partijiet attendew fl-ufficju tieghu sabiex identifikaw l-art in mertu.

Izid li f'tali laqgha rrizulta li l-art *"Ta' Marziena"* u dik *"Ta' Bubanak"* huma zewg artijiet differenti b'dan li l-art li kienet irregistrata fuq Guzepp Buttigieg, missier il-partijiet, mhijiex dik irregistrata fuq l-atturi Emanuel u Francis Buttigieg.

**Sammy Camilleri**, in rapprezentanza tas-socjeta' *Melita p.l.c.*, xehed[79] li fl-indirizz *"Dar is-Sultan"*, Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, ix-Xewkija, hemm registrat biss servizz tat-televizjoni fuq isem Mary Jane Buttigieg. Izid li dan is-servizz ilu nstallat mill-2014. Jghid li m'ghandux informazzjoni jekk kienx hemm xi servizz qabel dakinhar.

Jghid li l-ircevuti dwar il-hlas tal-kontijiet fuq is-servizz imsemmi johrog fuq il-persuna registrata; Mary Jane.

Jezebixxi rendikont tal-hlasijiet.[80]

**Monsinjur Frangisk Debrincat**, xehed[81] li lill-konvenuta Mary Jane ilu jafha mindu beda jmur iqarben lill ohtha Dorren u lill-ommhom Giuseppa fix-Xewkija lejn l-2007.

Izid li wara li mietet Giuseppa huwa baqa' jmur iqarben lill Doreen.

Jghid li fil-bidu kien imur darbtejn fil-gimgha izda issa jmur darba.

Jghid li ma' Mary Jane u ohtha kull ma' gieli ra kien lill huhom Paul.

---

[77] Ref.: verbal a fol 445.
[78] Traskrizzjoni a fol 498 u 499.
[79] Traskrizzjoni a fol 329 sa 331.
[80] Rendikont a fol 332 sa 336.
[81] Traskrizzjoni a fol 377 sa 382.

Jghid li meta beda' jmur iqarben, Giuseppa kienet diga bid-*dementia* b'dan li daqqiet sabha bilqieghda fuq siggu u ohrajn fis-sodda.

Jghid li huwa dejjem biss lill Mary Jane u Paul ra' jiehdu hsieb lill Giuseppa u Doreen. Izid li Mary Jane tahsilhom u ddur bihom u Paul johroghom.

Jghid li hu dwar Giuseppa u Doreen dejjem ikkomunika ma' Mary Jane jew Paul.

**In kontro-ezami**, xehed[82] li huwa beda jmur iqarben lill Giuseppa u Doreen cirka sentejn qabel mietet Giuseppa.

Jghid li ma kien jara lill hadd aktar mill-ahwa ta' Mary Jane ghajr ghal Doreen u Paul. Izid li lill-ahwa l-ohrajn ma' jafhomx u qatt ma' raghhom.

Jghid li lill Doreen ghadu jqarbina sallum.

**Mary Jane Buttigieg**, konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[83] Tiddikjara li hija xebba, m'ghandix tfal, u dejjem ghexet mal-genituri taghha u ohta Doreen li ghandha bzonnijiet specjali.

Tghid li hi daret b'missierha, imbaghad b'ommha li mardet bid-*dementia* xi tlett jew erba' snin qabel mietet fit-8 ta' Awwissu, 2008. Tghid li lill ommha kienet tnadfilha u ssajrilha anke qabel mardet bid-*dementia*. Izzid li sintendi x-xoghol fuqha zdid wara li ommha mardet bid-*dementia*.

Tghid li lill-ohta Doreen ilha tiehu hsiebha mit-twelid tant li hemm minn jahsibha bintha. Izzid li Doreen 25 sena izghar minnha u prattikament rabbietha hi.

Tghid li Doreen twieldet b'kundizzjoni b'dan li m'hi kapaci taghmel xejn wahedha. Tghid li l-ftit drabi li jkollha bzonn thalli lill Doreen ma' xi hadd, ma' Doreen ikun hemm huha Paul jew martu Carmen.

[82] Traskrizzjoni a fol 382 sa 387.
[83] Affidavit a fol 392 sa 395.

Tghid li f'Paul biss sabet ghajnuna. Izzid li Paul kien imur johrog lill ommhom u lill-ohthom Doreen u wara mewt ommhom baqa' johrog lill Doreen. Izzid li hija tiehu dan ic-cans sabiex tlahhaq mal-facendi tad-dar.

Tghid li ghalkemm illum ghandha biss lill Doreen x'tiehu hsieb ghad hemm hafna xoghol ghalija. Izzid li lill Doreen gieli jkollha taqlalha u tibdlilha l-lozor tlett darbiet kuljum u jkollha hafna hwejjeg x'tahslilha ghax thammighom.

Tghid li kull meta omma jew Doreen kellhom bzonn tabib dejjem hi hadet hsieb. Izzid li ma' omma ghamlet granet u lljieli l-isptar. Izzid li ghal ohtha Doreen tiehu hsieb kollox hi anke appuntamenti mas-*social workers*.

Tghid li hija dejjem halset l-ispejjez rigward Doreen u d-dar inkluz ikel, hwejjeg, tobba, medicina u prodotti igjenici, minn butha. Izzid li anke manutenzjoni u kontijiet tal-utilitajiet fid-dar dejjem hi halsithom. Tghid li anke l-ispejjez tal-funeral ta' ommha hi halsithom.

Tiddikjara li hutha qatt ma' ikkontribwew dwar spejjez li semmiet ghajr ghal Paul li kkontribwixxa ghall-ispejjez ta' ommhom u jiehu hsieb ihallas li jkollha bzonn Doreen waqt li din tkun mieghu.

Tghid li omma kienet taraha ddur b'ohta Doreen u riedet tpattilha ta' dan. Izzid li huma qieghdin 10 t'ahwa hajjin u tnejn mejtin. Izzid li omma minnha biss kienet issib l-ghajnuna anke dwar Doreen.

Dwar il-kuntratti li ghamlet omma tghid li omma kienet konxja ta' dak li kien qed jigri ghand in-nutar. Izzid li meta saru l-istess kuntratti ma' kien hemm ebda sinjal ta' *dementia* f'omma.

Tghid li omma kienet qaltilha li riedet taghtiha sehemha mid-dar b'donazzjoni bil-patt li tibqa ddur biha sa mewtha u b'ohta Doreen wara dan. Izzid li omma ridet taghmel din id-donazzjoni sabiex tkun certa li kemm hi u kemm Doreen ma' jkun jonqoshom xejn peress li huma xebbiet u hi tiehu hsieb ta' Doreen.

Tiddikjara li omma kienet qaltilha minn jeddha sabiex tmur maghha ghand in-nutar. Izzid li sakemm kienu hemm in-nutar damet hafna

tispjega lill omma sabiex taccerta ruhha li omma kienet qed tifhem. Tghid li omma rrispondiet lin-nutar b'risposti cari.

Dwar ir-raba' *"Ta' l-Oghga"* fil-limiti tax-Xewkija tghid li omma kienet saqsietha hijiex interessata tixtri sehemha. Tghid li peress li hi kellha flus ghal hekk accettat.

Tiddikjara li hutha l-atturi huma lkoll mizzewgin u ilhom li telqu mid-dar b'uhud minnhom jghixu barra. Izzid li hadd minnhom ma' kien jaghtiha daqqa ta' id. Tghid li lill omma hutha kien ilhom xi 16-il sena ma' jarawha qabel mietet u dan b'decizjoni li hadu minn jeddhom.

Tghid li ohtha Elizabeth Cini tghix l-Awstralja u meta darba, xi erba' snin ilu, ghamlet tlett xhur tghix maghhom qatt ma' ghenet f'xejn. Izzid li fit-tieni u t-tielet xhar kienet taghmel il-gurnata kollha barra.

Tghid li huha John Mary Buttigieg mar ghandhom xi darbtejn xi tlett snin ilu ghal xi siegha kull darba u d-darbtjen spiccaw argumentaw u telaq il-barra.

Tirrepeti li huha Paul biss jghina.

Taghlaq billi tghid li hi u Doreen m'ghandhomx dar ta' residenza ohra fejn jghixu u jekk jintalbu johorgu mid-dar ser jispiccaw fit-triq.

**Paul sive Pawlu Buttigieg**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[84] Jiddikjara li mindu twieldet ohtu Doreen kellha bzonnijiet specjali u ghalhekk kellha bzonn kura u assistenza kontinwa. Jghid li tali kura u assistenzi dejjem irrendithom ohtu Mary Jane li baqghet xebba tghix mal-genituri taghhom u ohthom Doreen.

Jiddikjara li hu zzewweg u telaq l-Amerika fejn ghamel 12-il sena b'dan li gie lura tletin sena ilu. Jghid li lill Mary Jane halliha ghand ommhom iddur b'ommhom u ohthom Doreen meta telaq u hekk sabha meta gie lura. Izid li meta gie lura ghamel l-ghalmu tieghu sabiex jghin lill Mary Jane.

[84] Affidavit a fol 396 sa 398.

Jghid li huwa sallum jghaddi d-dar ta' ommu kuljum kif kien jaghmel qabel naqset ommu, malli gie lura Ghawdex mill-esteru.

Jghid li meta kien jahdem binhar kien imur ghand ommu wara x-xoghol, ghat 3p.m., u johrog lill ommu u lill ohtu Doreen sabiex jaghti cans lill Mary Jane tlahhaq mal-facendi. Jghid li b'ommu u ohtu d-dar Mary Jane ma' kien ikollha cans ghal xejn b'Doreen dejjem kellha bzonn ta' attenzjoni kontinwa u ommhom l-istess wara li mardet bid-*dementia*.

Jiddikjara li ommhom mardet bid-*dementia* xi tlett snin jew erbgha qabel mietet. Izid li hija baqghet f'sensiha sakemm mardet bid-*dementia*.

Jghid li meta qaleb ghal xoghol ta' billejl beda' johrog lill Doreen filghodu, mal-11a.m., u jehodha ghandu f'daru fl-istess triq ta' dar ommu fejn isajrilha hu. Jghid li mbaghad jehodha lura ghand Mary Jane x'hin Mary Jane tghidlu li lestiet il-facendi.

Jiddikjara li llum Mary Jane kibret ukoll u kemm jista jghini ser jghina.

Jghid li ghar-rigward ta' appuntamenti ta' tobba u sptarijiet dejjem hadet hsieb kollox Mary Jane, kemm ghal ommhom u anke ghal Doreen.

Jghid li hu kien joqod ma' Doreen meta Mary Jane kellha bzonn tiehu l-ommhom l-isptar jew ghand tabib. Izid li anke fi granet hekk kienet Mary Jane li thejji kull ma' kien ikun ser ikollha bzonn Doreen qabel tmur ma' ommhom fejn ikun hemm bzonn.

Jghid li spejjez ta' tobba u medicina ta' ommhom u Doreen dejjem hadet hsibhom Mary Jane. Izid li qatt ma' jaf li Mary Jane talbet centezmu minghand hadd.

Jghid li hu kien ihallas ghal ommhom u Doreen biss meta dawn ikunu mieghu. Izid li kemm l-ommhom u issa lill Mary Jane u Doreen jara li ma' jkun jonqoshom xejn u anke jehdilhom minn dak li jkabbar fir-raba' tieghu.

Jghid li Mary Jane taghmel hafna aktar ma' Doreen milli jaghmel hu izda u jghin kemm jista. Jghid li fil-fatt Mary Jane lilu ccempel meta jkollha bzonn l-ghajnuna. Jghid li hutu l-ohra qatt ma' ghenu b'xejn la lill ommhom, la lill Doreen, u anqas lill Mary Jane.

Jghid li jekk lilu u lill Mary Jane jghinhom xi hadd din hija martu Carmen. Jghid li Carmen tiehu hsieb lill Doreen meta jkollhom qadja hu u Mary Jane flimkien.

Jaghlaq billi jghid li hutu l-ohrajn ilhom xi 16-il sena ma' jersqu lejn id-dar ta' ommhom. Izid li lilu ma' jkellmuhx u dan minghajr ma' qatt iggieled maghhom.

**In kontro-ezami**, xehed[85] li hu u hutu jghoddu ghaxra. Jikkonferma li sebgha minn hutu ma' jidhlux ghand Mary Jane u ilhom ma' jidhlu 16-il sena – mill-2006.

Jghid li hu ma' jafx ghalfejn ma' jersqux l'hemm. Izid li jaf biss li lilu ma' jkellmuhx. Jghid li hu u s-sebgha hutu ilhom ma' jitkellmu 16-il sena.

Jghid li darba kien nizel min go ta ommu b'karretta, mar fuqu huh Emanuel, beda joffendih dwar minn fejn kien ghaddej, qallu ma' jghaddix minn hemm aktar u minn hemm ma' regghux tkellmu.

Jghid li mbagahd ohra minn hutu dahlitu l-Qorti dwar bicca raba' u l-ohrajn ma' jafx ghalfejn ma' jkellmuhx.

Jghid li hu qatt ma' staqsihom ghalfejn ma' jkellmuhx.

Jghid li hu dejjem baqa' jidhol fid-dar ta' ommu.

Jaqbel li d-dar fejn jghixu Mary Jane u Doreen kienet tal-genituri taghhom. Izid li hu jghix fl-istess triq u ghand hutu Mary Jane u Doreen imur kuljum.

Jghid li hu jaqbel hafna ma' Mary Jane. Mistoqsi jekk Mary Jane qalitx lill huthom l-ohrajn biex ma' jersqux l-hemm jghid li hi talbet l-ghajnuna u l-ohrajn harbu. Jghid li hu biss qabel li jaghti daqqa t'id. Izid li hu s'hemm jaf.

[85] Traskrizzjoni a fol 469 sa 481.

Jghid li hu ma' jafx li Mary Jane ma' hallitx lill kumplament tal-ahwa jidhlu fid-dar. Jghid li ma' Mary Jane ma' jitkellimx dwar hutu l-ohrajn ghajr Doreen ghax dwarha jistaqsi.

Jghid li b'din il-kawza hutu qed jitolbu s-sehem riservat.

Jaqbel li bl-ahhar testment taghha ommu halliet kollox lill Mary Jane. Jghid li lilu ma' hallietlu xejn.

Jghid li missieru halla bicca raba' lill Emanuel u Francis u lilu u lill-ahwa l-ohrajn ma' hallilhom xejn.

Jaqbel li raba' *"Ta' l-Ihbiel"* thalliet lilu bit-testment ta' missieru u ommu ma' bidlitx it-testment fil-konfront ta' dik ir-raba'. Izid li ghalhekk *"Ta' l-Ihbiel"* giet ghandu.

Jghid li ommu ma' jafx x'halliet izda lilu ma' hallitlux.

Jaqbel li f'dak li huwa l-ahhar testment taghha, ommu lill hutu s-sebgha barra hu, Mary Jane, u Doreen ma' hallitilhom xejn.

**Marika Mifsud**, mart Charles Mifsud, bint il-konvenut Paul u Carmen Buttigieg, xehdet permezz ta' affidavit.[86] Tiddikjara li mindu kienu tfal ir-rutina taghhom dejjem kienet li malli jqumu jmorru ghand nannithom Giuseppa. Tghid li ghadha sallum malli tasal lura minn Malta tmur ghand zijitha Mary Jane.

Tiddikjara li zijitha Mary Jane dejjem id-dar iddur b'zijitha Doreen u qabel b'nannitha wkoll.

Tghid li dejjem zijitha Mary Jane daret b'nannitha u zijitha Doreen. Izzid li meta zijitha Mary Jane jkollha bzonn tmur qadja ccempel lill missierha biex imur joqod ma' Doreen. Tghid li jekk Mary Jane ikollha bzonn lill missierha maghha tmur omma Carmen toqod ma' Doreen.

Tiddikjara li fejn jidhol ilbies u hrug kif ukoll tobba u medicina lill zijitha Doreen kollox tohdilha hsieb zijitha Mary Jane. Izzid li anke lill nannitha kollox Mary Jane kienet tohdilha hsieb. Tghid li Mary Jane ghandha

[86] Affidavit a fol 400 – inkluz *in verso pagina.*

sistema organizzata ghal pilloli ta' Doreen kif kellha wkoll ghal dawk ta' nannitha Giuseppa.

Tghid li missierha jaghmel kull ma' jista biex jghin lill ohtu Mary Jane. Izzid li kien sahansitra bidel ix-xift tax-xoghol sabiex ikun jista jghin ahjar. Tghid li jekk ma joqodtx ftit ma' Doreen missierha, Mary Jane zgur ma' tlahhaqx ma' kull ma' taghmel.

Tiddikjara li spejjez dejjem hadet hsieb kollox Mary Jane.

Tghid li miz-zijiet li fethu din il-kawza hemm minnhom li qatt ma' rathom f'ghomorha. Izzid li dawk li taf minn huma qatt ma' rathom ghand nannitha. Tghid li dejjem zijitha Mary Jane u missierha ghamlu li kien hemm bzonn.

**In kontro-ezami**, xehdet[87] li hi ghandha 27 sena u f'dawn is-snin liz-zijiet qatt ma' rathom id-dar ta' nannitha. Tghid li nannitha ilha mejta 13-il sena izda kemm damet hajja liz-zijiet qatt ma' rathom ghandha u dan tiftakru minkejja li dak iz-zmien hi kien ghadha zghira.

Tghid li hi kibret faccata ta' Mary Jane u Doreen izda issa ilha nieqsa minn hemm ghal 11-il sena. Izzid li minkejja dan hi baqghet tmur tara liz-zijiet Mary Jane u Doreen.

Tghid li hi gieli rat *helper* ghandhom izda ma' tafx kemm il-darba kienet tmur l-istess *helper* u kemm kienet taghmel hin hemm.

Tghid li anqas taf jekk Mary Jane jew Doreen jiehdux xi pensjoni jew jekk Doreen tattendix xi centru u qatt ma' staqsit dwar dan.

**Josef Paul Buttigieg**, iben il-konvenut Paul u Carmen Buttigieg, xehed permezz ta' affidavit.[88] Jiddikjara li mindu gew lura mill-Amerika meta kellu xi seba' snin dejjem jafhom imorru ghand nanntu Giuseppa ta' sikwit. Jghid li hawn kienu joqodu wkoll iz-zijiet tieghu Mary Jane u Doreen.

[87] Traskrizzjoni a fol 468 sa 476.
[88] Affidavit a fol 401 sa 402 – inkluz *in verso pagina*.

Jghid li Doreen mhijiex kapaci tiehu hsieb taghha nnifisha stante li ghandha dizabilita'. Izid li zitu Mary Jane tghix sabiex iddur b'zitu Doreen kif daret b'nanntu tul hajjitha.

Jghid li huwa sa' minn ckunitu jaf lill zitu Mary Jane iddur b'zitu Doreen. Jghid li lill nanttu bdiet iddur biha meta mardet bid-*dementia*.

Jghid li zitu Mary Jane lill missieru ccempel meta jinqalghala xi bzonn. Izid li jekk ghal xi raguni missieru ma' jkunx jista jmur jew jekk zitu Mary Jane jkollha xi qadja li jkollha bzonn lill-missieru maghha, ma' Doreen toqod ommu Carmen.

Jghid li nanntu baqghet ghaddejja sakemm felhet ma' Doreen b'dan li minghajr Mary Jane issa m'hemm hadd ghal Doreen. Izid li Mary Jane tiehu hsieb ukoll l-ispejjez kollha ta' ikel, bzonnijiet, utilitajiet, u medicini minn butha.

Jghid li zitu Mary Jane tiehu hsieb ta' kollox hi ghal zitu Doreen, inkluz appuntamenti ghand il-*hairdresser* u dawk medici, hasil, u tqassim ta' pilloli.

Jiddikjara li liz-zijiet li fethu l-kawza hemm minnhom qatt ma' raghhom jaghtu daqqa t'id ghand nanntu minkejja li ma' jafx li qatt kien hemm xi glied jew li dawn gew imkeccija minn missieru jew zitu Mary Jane.

**In kontro-ezami**, xehed[89] li huwa twieled l-Amerika, li gew lura fl-1992 jew l-1993, imbaghad huwa telaq l-Ingilterra fejn ghamel 9 snin u nofs.

Jghid li d-dar ta' nanntu huwa jaf biss lill nanntu tul hajjitha u liz-zijiet tieghu Mary Jane u Doreen.

Mistoqsi jafx li Mary Jane kellha *helper* jghid li iva, jaf li kellha *helper* provduta mill-Gvern. Izid li ma' jafx kemm spiss kienet tkun hemm l-istess *helper*. Jghid li safejn jaf hu llum zitu Mary Jane m'ghandix ghajnuna mill-Gvern. Izid li anqas jaf jekk Doreen tircievix pensjoni jew jekk Mary Jane tircievix beneficcji stante li ddur b'Doreen.

[89] Traskrizzjoni a fol 450 sa 457.

Jghid li ma' jafx jekk Doreen tmurx xi centru izda jaf li zmien ilu kienet tmur.

Jghid li jekk mhux sejjer zball missieru u hutu jghoddu ghaxra. Jaqbel li sebgha mill-ahwa ma' jersqux lejn id-dar fejn joqodu Mary Jane u Doreen.

Jghid li huwa qatt ma' staqsa ghalfejn dawn is-sebgha zijiet ma' jersqux l'hemm. Mistoqsi jistax ikun li gew imkeccija minn Mary Jane jghid li safejn jaf hu ma' garax hekk.

Jghid li lill missieru u lill zitu Mary Jane qatt ma' semaghhom jghidu ghalfejn dawn is-sebgha huthom ma' jersqux l'hemm.

Jghid li hu ghandu 36 sena u anqas meta kienet hajja nanntu ma' jiftakar lill dawn l-ahwa jersqu l'hemm. Izid li kif qal, hu ghamel zmien imsiefer izda meta kien ikun Ghawdex lill dawn is-sebgha qatt ma' raghhom ghand nanntu.

**Rodney Buttigieg**, iben il-konvenut Paul u Carmen Buttigieg, xehed permezz ta' affidavit.[90] Jiddikjara li qabel izzewweg hu u hutu kienu aktar ikunu ghand zitu Mary Jane milli d-dar taghhom u dan anke ghaliex id-djar rispettivi huma qrib xulxin.

Jghid li hu dejjem jaf lill zitu Mary Jane ddur b'nanntu u b'zitu Doreen, tqajjimhom, tahsilhom, tbidlilhom, u tiehu hsieb ta' kull bzonn taghhom.

Jghid li nanntu kienet diga avvanzata fiz-zmien meta qabditha d-*dementia*. Izid li zitu Doreen dejjem kellha bzonn ghajnuna kostanti. Jghid li l-harsien taghhom ghalhekk waqa' f'idejn zitu Mary Jane.

Jghid li kollox Mary Jane tiehu hsieb ghal Doreen, kemm jekk appuntament tax-xaghar kif ukoll jekk appuntament ghand tabib jew vista medika.

Jghid li meta nanntu kellha torqod l-isptar kienet zitu Mary Jane li raqdet maghha b'familtu hadet hsieb lill Doreen izda Mary Jane tkun preparatilhom kollox bil-quddiem ghalija.

[90] Affidavit a fol 405 u 406.

Jghid li hija biss familtu li tghati daqqa t'id lill Mary Jane u jserhuha meta jkollha bzonn taghmel qadja.

Jghid li missieru johrog lill zitu Doreen kull filaghxija sbaiex jghin lill Mary Jane. Izid li missieru sa anke bidel il-hinhijiet tax-xoghol sabiex ikun jista' jghin lill ohtu Mary Jane ahjar.

Jaghaq billi jghid li huwa qatt ma' ra lill hadd jghin fid-dar ta' nanntu jekk mhux lill zitu Mary Jane jew missieru.

**In kontro-ezami**, xehed[91] li huwa ghandu 30 sena. Mistoqsi kemm ghandu hutu missieru jghid li xi 10 jew 11.

Jghid li hu ma' jafx ghalfejn iz-zijiet l-ohra ma' jmorrux id-dar ta' zitu Mary Jane. Mistoqsi jafx jekk dan huwiex ghax Mary Jane ma' tridhomx jidhlu hemm jghid li ma jafx.

Jaqbel li ghand Mary Jane jmorru biss missieru u huma.

Jghid li z-zijiet l-ohra ilhom ma' jersqu l'hemm bejn 15 u 17-il sena.

Jghid li nanntu mietet fl-2008 u kienet tghix f'din l-istess dar. Jghid li jahseb li hut missieru ilhom ma' jidhlu fid-dar fejn tghix zitu Mary Jane ma' zitu Doreen min qabel mietet nanntu.

Jghid li hu ma' jafx fuq xiex inhi din il-kawza.

**Andrea Buttigieg nee' Cutajar**, mart Rodney Buttigieg, xehdet permezz ta' affidavit.[92] Tiddikjara li zewgha huwa iben il-konvenut Paul Buttigieg u n-neputi tal-konvenuta Mary Jane Buttigieg.

Tghid li lin-nanna ta' zewgha ma' tafhiex ghax mietet qabel tgharrsu. Tghid li lill zitu Mary Jane ilha tafha mindu ltaqghet ma' Rodney ghaliex ma' tistax taf lill familja ta' Rodeny u mhux lilha ghax qishom familja wahda.

Tghid li Mary Jane dejjem lesta tghin u dejjem issib hin ghal kulhadd.

[91] Traskrizzjoni a fol 459 sa 462.
[92] Affidavit a fol 403u 404.

Izzid li lill Mary Jane tafha dejjem ma' ohtha Doreen. Tghid li Mary Jane dejjem ghandha kollox preparat ghal Doreen b'dan li jekk johorgu tigi lesta mghonija b'kull bzonn ta' Doreen.

Tghid li Mary Jane tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' Doreen minn x'hin tqum sa ma' torqod; tahsilha, tibdlilhla, titmaghha, u ddur biha.

Tghid li jekk ikun hem okkazzjoni tal-familja u Doreen tkun ma' tiflhax, Mary Jane ma' tgergirx li ser titlef okkazzjoni u toqod maghha bla tlaqliq. Izzid li Mary Jane ma' taghmel xejn minghajr Doreen ghax thossha qed tonqosha mill-imhabba.

Taghlaq billi tghid li Mary Jane tiehu hsieb il-hlasijiet kollha necessarji ghal Doreen. Izzid li ghal Mary Jane l-importanti huwa biss li tara lill Doreen kuntenta u komda.

**In kontro-ezami**, xehdet[93] li minkejja li fl-affidavit taghha tat dettalji bhal hinijiet fi x'hin tqum Mary Jane, hija qatt ma' ghexet ma' Mary Jane. Tghid li dik l-informazzjoni tafha ghax tghidilha Mary Jane stess.

Tghid li minkejja dan meta hi tmur ghand Mary Jane tkun tista tara x'lahqet ghamlet Mary Jane u dan juri car li tkun ghamet kmieni.

Tghid li hi normalment tmur ghand Mary Jane lejn id-09.30a.m. Tghid li dan taghmlu ghax hi tmur ghand omm zewgha u Mary Jane toqod qrib allura la tkun hemm tghaddi ghax huma maqghudin.

Tghid li hi lill Mary Jane ilha tafha tnax-il sena u tmur ghandha bejn tlett darbiet u erbgha fil-gimgha. Taqbel li Mary Jane gieli kellha *helper* tghina bit-tindif. Izzid li ma' tafx x'hin kienet tmur ghand Mary Jane l-istess *helper*.

Tghid li ma' tafx jekk Doreen tmurx xi centru jew tircievix xi pensjoni.

Tghid li ma' tafx kemm ghandu zijiet zewgha u ma' tafx minn huma. Tghid li hi taf biss lill Paul, Mary Jane, u Doreen. Izzid li ltaqghet ma' Elizabeth meta kienet Ghawdex vaganza u qaghdet ma' Mary Jane.

[93] Traskrizzjoni a fol 458 sa 467.

Tghid li zewgha Rodney qatt ma' qalilha ghalfejn ma' jitkellmux mar-rimanenti zijiet ghalkemm gieli ppunta lejn xi hadd u qalilha li dak zijuh. Izzid li hi ma' tafx ghalfejn ma' jitkellmux. Tghid li hi qatt ma' staqsit ghax mhux affarija.

**Mary Carmen sive Carmen Buttigieg nee' Sciberras**, mart il-konvenut Paul Buttigieg, xehdet permezz ta' affidavit.[94] Tiddikjara li hi u Paul ilhom mizzewgin 40 sena u lill Paul kienet tafu qabel izzewgu. Tghid li huma joqodu fl-istess triq bhal Mary Jane.

Tghid li lill Mary Jane dejjem tafha ddur b'ommha u ohta Doreen.

Tghid li qabel mietet, omm zewgha kellha *dementia* gravi. Izzid li Doreen qatt ma' kienet kapaci tiehu hsieb taghha nfisha. Tghid li ghalhekk mindu mardet omm zewgha l-harsien taghha u ta' Doreen waqaw fuq Mary Jane.

Tghid li Mary Jane tiehu hsieb kollox; kemm id-dar u kemm il-persuna ta' Doreen. Tghid li gieli lill Doreen ikollha tibdlilha u tahsilha diversi drabi f'gurnata ghax tithammeg regolari.

Tghid li gieli Mary Jane qass tlahhaq issajjar b'dan li Paul jara xi jkun hemm bzonn sabiex lill Mary Jane u Doreen isajrilhom hi.

Tiddikjara li Mary Jane iffissata fuq Doreen u ma' thalliha nieqsa minn xejn, minn xaghar u dwiefer sa' tobba u medicini.

Tghid li fejn jidhol hrug Mary Jane ma' tmur imkien minghajr Doreen.

Tghid li hi gieli hadet hsieb ta' Doreen meta Mary Jane ikollha xi qadja u jkollha bzonn lill Paul maghha. Tghid li anke f'dawn l-okkazzjonijiet Doreen tkun lesta minn kollox u Mary Jane tkun preparata u preparat ukoll kull ma' jkollha bzonn matul il-jum, inkluz pilloli.

Tghid li zewgha jghina kemm jista lill ohtu Mary Jane b'dan li anke bidel ix-xift tax-xoghol sabiex ikun jista jghin ahjar.

[94] Affidavit a fol 407 u 408.

Taghlaq billi tghid li d-dar ta' omm Paul dejjem lill Mary Jane taf tiehu hsiebha, kif kienet tiehu hsieb lill omma u ghadha tiehu hsieb lill Doreen. Izzid li hut Paul l-ohrajn, x'hin raw il-mard u x-xoghol farfru u ma' resqux l'hemm minghajr hadd qatt ma' keccihom.

**In kontro-ezami**, xehdet[95] li zewgha Paul ghandu 10 t'ahwa fosthom Mary Jane li ddur b'Doreen. Taqbel li fid-dar fejn jghixu Mary Jane u Doreen mill-ahwa jidhol biss zewgha.

Tghid li hi ma' tafx ghalfejn hut zewgha l-ohrajn ma' jersqux l'hemm.

Tghid li hi wkoll tidhol ghand Mary Jane u Doreen u dan kuljum. Izzid li ilha taghmel hekk dawn l-ahhar 16-il sena.

Tghid li hi qatt ma' staqsit ghalfejn hut zewgha ma' jersqux l'hemm. Tghid li anqas qatt ma' semghet diskors dwar dan.

Tghid li hi tahseb li din il-kawza tirrigwarda l-wirt. Taqbel li l-kawza nbdiet ghaliex hut zewgha qiegdhin ifittxu ghas-sehem riservat minn naha ta' ommhom.

Tghid li hi ma' tafx li Giuseppa halliet kollox lill Mary Jane u ma' halliet xejn lill-ohrajn.

**In-Nutar Maria Grima**, xehdet[96] li d-donazzjoni li saret minn Giuseppa Buttigieg a favur bintha Mary Jane Buttigieg kienet intiza sabiex l-omm tikkumpensa lill bint stante li daret b'missierha, kienet qed iddur biha, u kienet iddur ukoll b'ohtha Doreen li ghandha dizabilita'.

Tghid li dan jirrizulta kemm mill-kuntratt kif ukoll mill-istorja ta' Giuseppa.

Tghid li hi taf li Mary Jane dejjem hadet hsieb ta' ohta Doreen. Izzid li dan ratu b'ghajnejha meta marret id-dar ta' Giuseppa u Mary Jane.

Izzid li hi kienet giet avvicinata u ntalbet li jsir il-kuntratt ta' donazzjoni. Tghid li qabel sar il-kuntratt inzammu mizerjament zewg laqghat preliminari.

[95] Traskrizzjoni a fol 463 sa 467.
[96] Traskrizzjoni a fol 421a sa 421d.

Tghid li l-informazzjoni dwar x'kellu jinghad fil-kuntratt giet moghtija lilha minn Giuseppa.

Tezebixxi vera kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni.[97]

Dwar il-kuntratt ta' bejgh tal-5 ta' Dicembru, 2001 li wkoll sar bejn Giuseppa u Mary Jane Buttigieg, u l-korrezzjoni ghall-istess li saret fl-14 ta' Jannar, 2005, kuntratti lkoll in atti taghha, tghid li Giuseppa dejjem riedet thalli kollox bil-miktub mhux ghax indubitat li Mary Jane ser tibqa' iddur b'ohta imma sabiex kollox ikun car.

Tghid li bhala prezzijiet tal-artijiet tahseb li kien il-Perit Edward Scerri li ta' l-istess. Izzid li hija taf li l-prezz thallas ghax il-hlas sar dak il-hin, kif jghid il-kuntratt stess.

**In kontro-ezami**, xehdet[98] li l-att ta' donazzjoni tas-6 ta' Mejju, 2000 jirrigwarda d-dar.

Mistoqsija minn fejn gie l-prezz ta' Lm11,000 dikjarat f'dak il-kuntratt tenut kotn tal-kejl tad-dar, tghid li tahseb li minghand il-Perit Edward Scerri. Taqbel li m'hemmx stima annessa mal-kuntratt.

Tghid li taf li Mary Jane qieghdin xi 11 mill-ahwa.

Taqbel li bid-donazzjoni u l-bejgh omm Mary Jane prattikament iddisponiet mill-proprjeta' immobbli kollha taghha.

**Leanne Vella**, in rapprezentanza ta' *ARMS Limited*, xehdet[99] li s-servizzi tal-utilitajiet fid-dar *"Dar is-Sultan"*, Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, ix-Xewkija, kienu rregistrati fuq Giuseppa Buttigieg sat-23 ta' Novembru, 2013 u nqalbu ghal fuq Theodora Buttigieg minn dakinhar.

Tghid li huma ma' jkollhomx *records* ta' minn ikun ghamel il-hlasijiet tal-kontijiet. Izzid li l-kontijiet huma kollha mhallsin bil-bilanc jinsab azzerat.

---

[97] Vera kopja a fol 409 sa 411.
[98] Traskrizzjoni a fol 421e 421f.
[99] Traskrizzjoni a fol 427 sa 429.

Tikkonferma d-dokument li kien gie pprezentat minnha flimkien ma' nota.

**Il-Qorti rat ukoll ir-relazzjoni tal-perit tekniku, il-Perit Valerio Schembri, tat-12 ta' Frar, 2019**.[100]

F'din l-istess, il-perit tekniku, wara li ddikjara li sabiex esplicita l-inkarigu tieghu huwa zamm l-access opportun fil-prezenza tal-partijiet kif assistiti mid-difensuri legali taghhom, iddikjara wkoll li:

i. il-partijiet kontendenti qablu li ma' kienx hemm lok li jigu redatti pjanti godda stante li dawk in atti kif redatti mill-Perit Joseph P. Dimech huma korretti;

ii. il-partijiet kontendenti qablu wkoll li s-sehem ta' kull wiehed u wahda minnhom huwa ta' wiehed minn ghaxra – 1/10;

iii. l-proprjeta' maghrufa bhala *"Dar is-Sultan"* hija konsistenti minn parti mibnija bhala residenza u parti li hija gnien bl-estent tal-istess maqbul bejniethom, u;

iv. bi qbiel bejn il-partijiet huwa kkunsidra wkoll il-potenzjal ta' bini b'permessi mahruga kif ukoll licenzji applikabbli fuq partikolari proprjetajiet li jipprezenta kopja taghhom.[101]

Ghaddha mbaghad sabiex ivvaluta l-proprjetajiet relattivi fis-snin 2008 u 2019.

Ikkonkluda billi ddikjara l-valur kurrenti tal-assjem tal-proprjetajiet kollha bhala dak ta' €1,108,000 b'kull sehem minn ghaxra jkun ghalhekk fil-valur ta' €110,800.

Irrelata ulterjorment li hija l-opinjoni tieghu li l-proprjetajiet in kwistjoni m'humiex divizibbli f'porzjonijiet tal-valur ta' €110,800 minghajr ma' tigi rekata hsara ghal-valur stess taghhom.

[100] Relazzjoni a fol 118 sa 125, inkluz *in verso pagina*, b'dokumenti a fol 126 sa 131.
[101] Kopja ta' permess a fol 126 sa 128. Kopja ta' licenzji a fol 129 sa 131.

Jghid ghalhekk li l-proprjetajiet m'humiex komodament divizibbli f'ghaxar ishma.

## C. Ikkunsidrat:

**Preliminari:**

B'din l-istanza l-atturi, wara li premettew li missierhom, Guzepp Buttigieg, miet fl-10 ta' Dicembru, 1991 u halla diversi testmenti *unica charta* flimkien ma' martu – u ommhom – Giuseppa Buttigieg, li mietet fit-8 ta' Awwissu, 2008 izda mhux qabel ghamlet testmenti addizzjonali taghha wahedha; u wara li premettew ulterjorment li f'hajjitha ommhom iddisponiet mil-proprjeta' immobbli kollha taghha b'bejgh u donazzjoni a favur il-konvenuta ohthom Mary Jane Buttigieg; talbu:

- dikjarazzjoni li Guzepp Buttigieg miet fl-10 ta' Dicembru, 1991 u rregola l-wirt u s-successjoni tieghu bid-diversi testmenti *unica charta* li ghamel flimkien ma' martu Giuseppa Buttigieg u li ghalhekk, il-wirt u successjoni tieghu huma regolati bl-istess testmenti *unica charta*;[102]
- ordni ta' immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija minn Guzepp Buttigieg, u;[103]
- il-likwidazzjoni tal-assi li kienu jappartjenu lill Guzepp Buttigieg u d-divizzjoni tal-istess f'ghaxar porzjonijiet ugwali bejn l-eredi tieghu – il-partijiet kontendenti.[104]

Oltre minn hekk, l-atturi talbu wkoll:

- dikjarazzjoni li l-kuntratt ta' bejgh tal-kwota ta' nofs indiviz ta' diversi porzjonijiet art maghrufa bhala *"Ta' l-Oghga"* fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex tal-5 ta' Dicembru, 2001 kif korrett b'kuntratt iehor ta' nhar l-14 ta' Jannar, 2005 – it-tnejn in atti Nutar Maria Grima – maghmul minn ommhom Giuseppa Buttigieg a favur ta' ohthom, il-konvenuta Mary Jane Buttigieg, kien donazzjoni simulata;[105]
- dikjarazzjoni li l-proprjeta' donata minn ommhom Giuseppa Buttigieg lill ohtom Mary Jane Buttigieg bil-kuntratt ta' donazzjoni

[102] L-ewwel u t-tieni talbiet atturi.
[103] It-tielet talba attrici.
[104] Ir-raba' talba attrici.
[105] Il-hames talba attrici.

tas-6 ta' Mejju, 2000 in atti Nutar Maria Grima, ossia; in-nofs sehem indiviz ta' Giuseppa Buttigieg mid-dar maghrufa bl-isem *"Dar is-Sultan"*, fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, ix-Xewkija, Ghawdex, ghandha titqies bhala parti mil-massa ereditarja li fuqha jrid jigi kalkolat u likwidat is-sehem riservat spettanti lilhom, atturi;[106]

- il-likwidazzjoni ta' l-assi ereditarji ta' Giuseppa Buttigieg b'dikjarazzjoni li dawn jikkonsistu fil-beni kollha li kellha fid-data tal-mewt taghha flimkien ma' dawk rizultanti mil-kuntratt ta' bejgh u dak ta' donazzjoni surreferiti;[107]
- il-likwidazzjoni tas-sehem riservat dovut lill-atturi mill-wirt ta' ommhom Giuseppa Buttigieg[108] u kundanna sabiex il-konvenuti jew minn minnhom jassenjaw lill-atturi l-istess sehem riservat[109] b'dan li jidhru fuq att relattiv ghall-likwidiazzjoni u assenjazzjoni jew hlas tal' fuq imsemmi sehem riservat,[110] bil-Qorti tiffissa jum, hin u lok u tinnomina nutar pubbliku u kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci ghal dan il-ghan.[111]

Il-konvenuti laqghu ghal dan billi, *inter alia*, eccepew li huma qatt m'opponew ghad-divizzjoni tal-assi ta' missierhom Guzepp Buttigieg purche jigu rispetatti l-legati stabbiliti mill-istess *decujus* u jigu verifikati l-kwoti spettanti lill kull parti f'din il-kawza wara li tigi stabbilita' il-konsistenza tal-assi in divizjoni.[112]

Eccepew ulterjorment li l-gudizzju m'huwiex integru stante li l-wirt ta' Giuseppa Buttigieg mhuwiex battal izda; ai termini tal-Artikolu 864(2) tal-Kap.16 ladarba l-partijiet kontendenti ulied l-istess Giuseppa Buttigieg ilkoll irrinuzjaw ghal-wirt taghha, ghandhom awtomatikament jidhlu flokhom uliedhom bil-jedd taghhom li jirtu *per capita*. Ghalhekk tali ulied il-partijiet ghandhom jigu kjamati in kawza.[113]

Dwar l-allegata simulazzjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni tas-6 ta' Mejju, 2000 u dak ta' bejgh tal-5 ta' Dicembru, 2001 kif korrett fl-14 ta' Jannar, 2005, kuntratti lkoll in atti Nutar Maria Grima; il-konvenuti eccepew li t-

[106] Is-sitt talba attrici.
[107] Is-seba' talba attrici.
[108] It-tmien talba attrici.
[109] Id-disa' talba attrici.
[110] L-ghaxar talba attrici.
[111] Il-hdax il talba attrici.
[112] L-ewwel eccezzjoni.
[113] It-tieni eccezzjoni.

talbiet atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li l-istess kuntratti jirriflettu l-verita' u jirrispekjaw fedelment il-volonta' tal-partijiet fuqhom komparenti.[114]

Dwar is-sehem riservat, il-konvenuti eccepew li dan huwa llum meqjus bhala kreditu u mhux sehem minn proprjeta' u ghalhekk ma' tistax issir assenjazzjoni kif mitlub mill-atturi fid-disa' talba taghhom.[115] Komplew imbaghad jecepixxu li minghajr pregudizzju ghal dan, mil-kalkolu ta' tali sehem riservat irid jitnaqqas valur ghas-servigi rezi u spejjez mhallsa mill-konvenuti Mary Jane Buttigieg u Paul Buttigieg lill u ghal ommhom Giuseppa Buttigieg[116] kif ukoll il-valur ta' kwalunkwe' beni li l-atturi rcevew bit-testmenti ta' ommhom u dak li l-istess atturi hadu minghand ommhom b'titolu gratuwit.[117]

Finalment, il-konvenuti ddikjaraw li l-ewwel, it-tieni, it-tielet, u r-raba' premessi tar-rikors guramentat mhumiex ikkontestati mentri r-rimanenti premessi huma kkontestati.

Il-kuratur deputat ghal-wirt gjacenti ta' Giuseppa Buttigieg eccepixxa biss li ma' kienx edott mill-fatti u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migbura, ghajr ghall-osservazzjonijiet siewja li ghamel fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tieghu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

It-talbiet atturi – u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti korrispondenti – jistghu jigu sintesizzati u kkunsidrati fuq zewg binarji: [Parti A] dawk relattivi ghal wirt u s-successjoni ta' missier il-partijiet kontendenti Guzepp Buttigieg, u; [Parti B] dawk relattivi ghall-proprjeta' ta' omm il-partijiet kontendenti Giuseppa Buttigieg.

**Parti A:**

***Dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet relattivi ghal wirt u s-successjoni ta' missier il-partijiet kontendenti Guzepp Buttigieg*** jinghad li hemm qbil bejn il-partijiet kontendenti, ahwa germani Buttigieg, li missierhom halla

114 It-tielet eccezzjoni.
115 Ir-raba' eccezzjoni.
116 Il-hames eccezzjoni.
117 Is-sitt eccezzjoni.

d-diversi testmenti *unica charta* flimkien ma' ommhom kif imnissla fit-tieni u t-tielet premessi tar-rikors guramentat.

Dawn it-testmenti *unica charta*, u d-dispozzjonijiet rilevanti li jemanu minnhom, huma s-segwenti:

**Testment tat-28 ta' Frar, 1976 in atti Nutar Giuseppi Cuchi[118]** li bih, il-genituri tal-partijiet kontendenti Guzepp u Giuseppa konjugi Buttigieg qabel xejn, hassru u rrevokaw *qisu qatt ma' kien kull testment li setghu s'issa ghamlu tant flmkien kemm separatament* b'dan li *jridu illi s-successjoni taghhom tigi rregolata b'dan it-tesment biss*.[119]

Wara dan, it-testaturi Guzepp u Giuseppa konjugi Buttigieg taw *il-fakolta' lis-superstiti illi jbiddel dawn id-dispozizzjonijiet tieghu minghajr ma' jippregudika ruhu*.[120]

It-testaturi Guzepp u Giuseppa konjugi Buttigieg imbaghad ghaddew sabiex iddisponew mil-gid taghhom, billi hallew:

- *a favur ta' dawk minn uliedhom illi ma' jkunux mizzewgin fl-epoka tal-mewt tat-testatur superstiti; l-uzufrutt tal-lok ta' djar ta' abitazzjoni tat-testaturi fl-imsemmija Xewkija, maghruf "Dar is-Sultan", fi Triq Kavallier Zammit Haber, bl-art u giardina kollha li hemm annessa mieghu;*[121]
- *b'titolu ta' prelegat a favur ta' binthom Doreen Buttigieg il-flus kollha ikunu fejn ikunu u l-oggetti tad-deheb, fidda, u hagar u metal prezzjuz kollha ikunu fejn ikunu illi huma testaturi jkollhom fl-epoka tal-mewt tat-testatur superstiti;*[122]
- *a favur ta' kull wahda minn uliedhom Maria Giovanna, Elizabetta, u Beninja s-somma ta' mitejn lira b'kollox ghalhekk sitt mitt lira u dana bi tpattija tal-benefikati li huma ghamlu fl-imsemmi lok residenza tat-testaturi;*[123]
- *salv kemm fuq dispost, it-testaturi bhala werrieta universali tal-beni taghhom kollha prezenti u future, mobbli u immobbli, jinnominaw u jistitwixxu fi kwoti ndaqs bejnithom lill ghaxar uliedhom Maria Giovanna, Carmela mart Anglu Saliba, Giovanni Maria, Manweli,*

[118] In atti ma' nota tal-konvenuti tal-5 ta' Settembru, 2023 – mhux paginata.
[119] L-ewwel artikolu.
[120] It-tieni artikolu.
[121] It-tielet artikolu.
[122] Il-hames artikolu.
[123] Is-sitt artikolu.

*Frenc, Elizabetta, Zakkarija, Beninja, Pawlu u Doreen bl-esenzjoni fihom mill-obbligu tal-kollazzjoni ta' dak kollu li hadu jew li ghad jistghu jiehdu minn tat-testaturi sewwa fl-okkazzjoni taz-zwieg taghhom kemm fi drabi ohra.*[124]

**Testment tad-19 ta' Awwissu, 1978 in atti Nutar Giuseppi Cauchi[125]** li bih, il-genituri tal-partijiet kontendenti Guzepp u Giuseppa konjugi Buttigieg riedu biss *jaghmlu xi tibdil ghat-testment unika karta minnhom ordinat fl-atti tan-Nutar sottoskritt tat-tmienja u ghoxrin ta' Frar, elf disa' mija sitta u sebghin, li huma jhallu shih u integru sakemm konformi u mhux diskrepanti mal-prezenti.*[126]

B'dan li ghalhekk, it-testaturi konjugi Buttigieg ghaddew sabiex iddisponew biss li riedu li *jhassru u jirrevokaw totalment is-sitt artikolu tal-imsemmi testment taghhom tat-28 ta' Frar, 1976, fejn kienu hallew favur ta' kull wahda mit-tlett uliedhom hemm specifikati somma ta' mitejn lira kull wahda, billi l-istess somom gew imhallsin mit-testaturi lill-legatarji hemm favoriti.*[127]

**Testment tal-21 ta' Ottubru, 1985 in atti Nutar Michael Refalo[128]** li bih, il-genituri tal-partijiet kontendenti Guzepp u Giuseppa konjugi Buttigieg, wara li ddisponew li *jikkonfermaw it-testmenti precedenti taghhom fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar elf disa' mija sitta u sebghin (1976) u tad-dsatax (19) ta' Awwissu elf disa' mija tmienja u sebghin (1978) sakemm kompatibbli mal-prezenti;*[129] ghaddew sabiex hallew *bi prelegat lill-uliedhom Maria Giovanna u Doreen, xebbiet, fi piena u assoluta proprjeta' l-oggetti kollha mobbli eskluzi flus oggetti tad-deheb, fidda, hagar prezzjuz, kotba tal-bank u investimenti ohra, illi fl-epoka tal-mewt tas-superstiti fost it-testaturi jkunu jezistu fid-dar ta' abitazzjoni tat-testaturi.*[130]

**Testment tal-5 ta' Jananr, 1989 in atti Nutar Michael Refalo[131]** li bih, il-genituri tal-partijiet kontendenti Guzepp u Giuseppa konjugi Buttigieg, wara li ddisponew li *jikkonfermaw it-testmenti precedenti taghhom fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar elf disa' mija*

---

124 Is-seba' artikolu.
125 In atti ma' nota tal-konvenuti tal-5 ta' Settembru, 2023 – mhux paginata.
126 Premessa.
127 L-ewwel artikolu.
128 In atti ma' nota tal-konvenuti tal-5 ta' Settembru, 2023 – mhux paginata.
129 L-ewwel artikolu.
130 It-tieni artikolu.
131 Kopja a fol 11 u 12 tal-process, annessa mar-rikors guramentat.

*sitta u sebghin (1976) u tad-dsatax (19) ta' Awwissu elf disa' mija tmienja u sebghin (1978) u iehor fl-atti tieghi tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru elf disa' mija hamsa u tmenin (1985) pero jhassru dak fl-atti tieghi tas-sitta (6) ta' Dicembru elf disa' mija tmienja u tmenin (1988);*[132] ghaddew sabiex hallew:

- *b'titolu ta' legat lill-uliedhom Emanuel u Francis porzjoni diviza mir-raba' "Ta' Logia" limiti Xewkija liema porzjoni jkollha faccata ta' tlieta u ghoxrin pied (23') u bl-istess wisgha minn barra sa' gewwa [...] it-testaturi jridu u jordnaw illi l-kumplament tal-istess porzjoni "Ta' Logia" ghandha isservi bhala passagg ghal-beni ohra taghhom li jigu fuq it-Tramuntana tal-istess art "Ta' Logia";*[133]
- *lill binthom Maria Giovanna, xebba, l-uzu u uzufrutt taz-zewg porzjonijiet ohra "Tal-Logia" limiti Xewkija proprjeta' tat-testaturi [...] u jhallu n-nuda proprjeta' tal-istess porzjonijiet b'titolu ta' legat lill-uliedhom Benna mart Guzepp Pace, Elizabetta mart Baskal Cini, Carmela mart Angelo Saliba, Pawlu, Zakkarija John, Doris xebba u l-istess Maria Giovanna xebba fi kwoti ndaqs bejniethom bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom u in mancanza bi dritt ta' akkrexximent bejniethom.*[134]

Mir-rezukont ta' dawn it-testmenti jirrizulta immedjatament car l-ewwel testment applikabbli ghal-wirt u s-successjoni tad-*decujus* Guzepp Buttigieg – dak tat-28 ta' Frar, 1976 in atti Nutar Giuseppi Cauchi li jaghmel car li jhassar kull testment li setgha gie qablu – u l-konsistenza tat-testmenti li segwew ossia dawk tad-19 ta' Awwissu, 1978 ukoll in atti Nutar Giuseppi Cauchi u dawk tal-21 ta' Ottubru, 1985 u tal-5 ta' Jannar, 1989 ilkoll in atti Nutar Michael Refalo.

Li dawn huma l-konsistenza tat-testmenti maghmulha mid-*decujus* Guzepp Buttigieg u applikabbli ghal-wirt u s-successjoni tieghu huwa kkonfermat ukoll mir-ricerka maghmulha fuq l-istess Guzepp Buttigieg li tinsab in atti a fol 64 sa 104.

Mill-assjem, allura, ta' dan il-korp ta' testmenti regolanti l-wirt u s-sucessjoni ta' Guzepp Buttigieg jirrizultaw ampjamanet il-legati u prelegati mhollija mill-istess *decujus* kif ukoll il-provizzjonijiet ulterjuri applikabbli.

---

[132] L-ewwel artikolu.
[133] It-tieni artikolu.
[134] It-tielet artikolu.

B'dan li din il-Qorti tista ghalhekk facilment tikkonkludi li l-wirt u s-sucessjoni tad-*decujus* Guzepp Buttigieg ghandha tkun regolata kif isegwi:

i. l-uzufrutt tad-dar maghrufa bl-isem *"Dar is-Sultan"* u sitwata fi Triq il-Kavallier Zammit Haber, bl-art u l-giardina maghha, ghandu jmur a favur ta' minn mil-partijiet kontendenti m'humiex mizzewgin;

ii. il-konvenuta Doreen Buttigieg ghandha tircievi bi prelegat il-flus kollha, oggetti tad-deheb, fidda, u hagar u metal prezzjuz huma fejn huma u li t-testatur kellu fl-epoka ta' mewtu;

iii. il-konvenuti Mary Jane u Doreen ahwa Buttigieg ghandhom jircievu b'titolu ta' prelegat l-oggetti kollha mobbli – eskluzi dawk imhollija diga lill Doreen Buttigieg – illi kienu f'*"Dar is-Sultan"* fl-epoka ta' mewt it-testatur;

iv. l-atturi Emanuel u Francis ahwa Buttigieg jircievu b'legat il-porzjon diviza mir-raba' *"Ta' Logia"* fil-limiti tax-Xewkija b'faccata ta' tlieta u ghoxrin pied (23') u bl-istess wisgha minn barra sa' gewwa, u;

v. il-konvenuta Mary Jane izzomm l-uzu u l-uzufrutt tar-rimanenti porzjon tar-raba' *"Ta' Logia"* bin-nuda proprjeta' tal-istess tghaddi b'legat ghand l-atturi Benigna Pace, Elizabetta Cini, Carmela Saliba, John Mary Buttigieg, u Zachary Buttigieg kif ukoll ghand il-konvenuti Paul, Mary Jane, u Doreen ahwa Buttigieg fi kwoti ndaqs bejniethom.[135]

Bir-rimanenti proprjeta' tad-*decujus* Guzepp Buttigieg tghaddi ghand l-ghaxar uliedu – partijiet kontendenti – ilkoll fi kwoti ndaqs bejniethom u bl-ezenzjoni mill-obbligu tal-kollazzjoni skond is-seba' artikolu tat-testment tieghu tat-28 ta' Frar, 1976 in atti Nutar Giuseppi Cauchi liema artikolu qatt ma' gie mhassar u revokat bit-testmenti li segwew.

---

[135] It-testment *unica charta* tal-5 ta' Jananr, 1989 in atti Nutar Michael Refalo jirreferi ghal "Zakkarija John" u "Doris" *xebba* li mil-assjem tar-rimanenti provi jirrizulta ghal din il-Qorti li ma' jistax hlief li huma l-atturi John Mary u Zachary u l-konvenuta Doreen ahwa Buttigieg.

Il-Qorti tibda hawnhekk sabiex tosserva li hekk kif il-konjugi testaturi Guzepp u Giuseppa Buttigieg fil-fatt irriservaw favur is-superstiti minnhom id-dritt li jibdel id-dispozizzjonijiet testamentarji tieghu minghajr ma' jippregudika ruhu,[136] tassew Giuseppa Buttigieg ghaddiet sabiex ghamlet varji testmenti taghha wahedha wara mewt, u bhala armla ta' zewgha.[137]

Tali testmenti ma' ngiebux mil-partijiet kontendenti ghal-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti b'dan li din il-Qorti ma' tistax ghajr f'li tistrieh allura fuq id-dispozizzjonijiet testamentarji succitati kif kontenuti fit-testmenti *unica charta* maghmulha mil-konjugi Buttigieg.

Tosserva ulterjorment li bl-ewwel, it-tieni, it-tielet, u r-raba' talbiet taghhom, l-atturi talbu [i] dikjarazzjonijiet dwar id-data tal-mewt ta' missier il-partijiet kontendenti Guzepp Buttigieg u li l-wirt u s-successjoni tieghu ghandha tkun regolata bit-testmenti hawn fuq menzjonati, u; [ii] ordni ta' immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija minn Guzepp Buttigieg u l-likwidazzjoni u divizjoni f'ghaxar porzjonijiet ugwali bejniethom partijiet kontendenti tal-assi ereditarji rimanenti tieghu.

Dwar il-fatt li r-rimanenti assi ereditarji tad-*decujus* Guzepp Buttigieg wara r-rizoluzzjoni tal-legati u l-prelegati mhollija minnu kellhom jinqasmu f'sehemijiet ugwali ta' parti minn ghaxra bejn kull parti kontendenti hemm qbiel bejn il-partijiet fin-noti taghhom tal-20 ta' Dicembru, 2018[138] u tat-2 ta' Jannar, 2019.[139]

Tosserva wkoll li l-konvenuti ma' oggezzjonawx ghal tali talbiet tal-atturi tant li fix-xhieda migjuba minnhom ilkoll qablu dwar id-data tal-mewt ta' missierhom, u fir-risposta guramentata taghhom qablu ma' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, u r-raba' premessi tar-rikors guramentat li jikkonfermaw id-data tal-mewt ta' Guzepp Buttigieg u anke t-testmenti regolanti l-wirt u s-successjoni tieghu.

Il-konvenuti qablu wkoll li ssir il-likwidazzjoni u divizjoni tal-assi ereditarji ta' missierhom purche jigu rispettati il-legati varji mhollija

[136] Ref.: it-tieni artikolu tat-testment *unica charta* tat-28 ta' Frar, 1976 in atti Nutar Giuseppi Cauchi.
[137] Testmenti identifikati fit-tmien premessa tar-rikors guramentat u li jirrizultaw debitament insinwati mir-ricerka maghmulha fuqha li tinsab in atti a fol 105 *et seq*.
[138] Nota tal-atturi a fol 61 u 62.
[139] Nota tal-konvenuti a fol 116.

minnu inkluz dak ta' uzufrutt imholli minnu a favur tal-konvenuti Mary Jane u Doreen Buttigieg.

B'dan li ghalhekk din il-Qorti tista tghaddi sabiex tiddeciedi li l-legati mhollija minn missier il-partijiet kontendenti, Guzepp Buttigieg, huma dawk hawn aktar 'il fuq elenkati bin-numri (i) sa (v).

Rigward ir-rimanenti assi ereditarji tad-*decujus* Guzepp Buttigieg li ghandhom, skond is-seba' artikolu tat-testment tieghu tat-28 ta' Frar, 1976 in atti Nutar Giuseppi Cauchi jghaddu ghand l-ghaxar uliedu – partijiet kontendenti – ilkoll fi kwoti ndaqs bejniethom u bl-ezenzjoni tal-obbligu tal-kollazzjoni; din il-Qorti tosserva li l-assi tad-*decujus* Guzepp Buttigieg ma' gewx identifikati mill-partijiet kontendenti ghajr ghal dawk indikati bhala assi matrimonjali li l-istess *decujus* kellu ma' martu Giuseppa Buttigieg ossia, dawk li jemanu wkoll mir-relazzjonijiet tal-Periti Jos. P. Dimech, John Saliba, u l-perit tekniku Valerio Schembri,[140] li lkoll jidentikaw bhala tali assi:

- il-proprjeta' maghrufa bl-isem *"Dar is-Sultan"* fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, ix-Xewkija, bl-art maghha u;

- diversi porzjonijiet raba' maghrufa bhala *"Ta' l-Oghga" sive "Tal-Logga"*.

Proprjetajiet li ghalhekk ilkoll gew meqjusa fil-varji testmenti mhollija mid-*decujus* Guzepp Buttigieg u disposti bil-varji prelegati u legati mhollija minnu, ghajr ghan-nuda proprjeta' tan-nofs sehem tad-*decujus* Guzepp Buttigieg mid-dar maghrufa bl-isem *"Dar is-Sultan"* fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, ix-Xewkija, bl-art maghha.

Tenut kont ukoll li l-istess *decujus* Guzepp Buttigieg ha wkoll hsieb jiddisponi permezz ta' legati u prelegati mhollija minnu mill-proprjetajiet mobbli tieghu, ma' jibqa' xejn bhala proprjeta' tal-istess *decujus* x'jigi likwidat u diviz minn din il-Qorti ghajr ghal:

a) porzjon art li fit-trattazzjoni ta' din il-kawza irrizultat mizmuma mill-istess *decujus* bi qbiela minghand il-Gvern, kif tajjeb xehed u spjega r-rapprezentant tal-Awtorita' tal-Artijiet, Karl Borg.

[140] Relazzjonijiet a fol 52 *et seq*, 56 *et seq*, u 118 *et seq*.

Din il-proprjeta' hija l-art maghrufa bhala *"Ta' Marziena"*, tal-kejl ta' cirka 11,360m.k., f'Ta' Sannat li l-istess Karl Borg jidentifika fuq pjanta a fol 346 u ohra a fol 349, u;

b) in-nuda proprjeta' tan-nofs sehem indiviz tad-*decujus* Guzepp Buttigieg mid-dar maghrufa bl-isem *"Dar is-Sultan"* fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, ix-Xewkija, bl-art maghha.

Dawn iz-zewg proprjetajiet, salv dak dispost fil-prelegat applikabbli fir-rigward ta' *"Dar is-Sultan"* fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, ix-Xewkija, bl-art maghha, ghandhom ghalhekk, u fid-dawl tas-seba' artikolu tat-testment tad-*decujus* Guzepp Buttigieg tat-28 ta' Frar, 1976 in atti Nutar Giuseppi Cauchi, jghaddu ghand l-ghaxar uliedu – partijiet kontendenti – ilkoll fi kwoti ndaqs bejniethom.

**Parti B:**

***Dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet relattivi ghal proprjeta' ta' omm il-partijiet kontendenti Giuseppa Buttigieg*** jinghad li l-pretensjoni principali tal-atturi hija hawnhekk dwar [i] il-minnhom allegata simulazzjoni tal-att ta' bejgh maghmul minn ommhom a favur ta' ohtom il-konvenuta Mary Jane Buttigieg tal-porzjonijiet mill-art maghrufa bhala *"Ta' l-Oghga" sive "Tal-Loggia"* fil-limiti tax-Xewkija, u; [ii] it-talba taghhom atturi sabiex is-sehem ta' ommhom mil-proprjeta' maghrufa bhala *"Dar is-Sultan"* fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber kif moghti minnha lill ohthom il-konvenuta Mary Jane Buttigieg b'donazzjoni ghandu jigi meqjus bhala parti mill-massa ereditarja li fuqha ghandu jigi kkalkolat is-sehem riservat dovut lilhom.

Dawn iz-zewg pretensjonijiet atturi ser jigi kkunsidrati separatament.

**Dwar l-allegata simulazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh** maghmul minn omm il-partijiet kontendenti Giuseppa Buttigieg a favur ta' bintha, il-konvenuta Mary Jane Buttigieg, jigi osservat kif isegwi:

Il-kuntratt ta' bejgh in kwistjoni huwa dak tal-5 ta' Dicembru, 2001 in atti Nutar Maria Grima[141] kif korrett bl-att korrettorju tal-14 ta' Jannar, 2005 ukoll in atti Nutar Maria Grima.[142]

Il-kuntratt tal-5 ta' Dicembru, 2001 jaqra kif isegwi:

> *Bis-sahha ta' dan l-att, il-Venditrici* – Giuseppa Buttigieg – *qieghda tbiegh, tassenja u tittrasferixxi versu u a favur tal-Kompratrici* – Mary Jane Buttigieg – *illi qieghda tixtri, taccetta u takkwista l-kwota ta' nofs (1/2) indiviz ossija kull dritt u sehem spettanti lilha mis-segwenti porzjonijiet art:*
>
> i. *il-porzjon art fil-kuntrada u maghrufa bhala "Ta' l-Oghga" sive "Tal-Loggia" fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, bil-benefikati minghajr numru li hemm mibnija fuqha, tal-kejl ta' cirka mija u wiehed punt decimali tmienja metri kwadri (101.8m.k.) […]*
> ii. *il-porzjon art fil-kuntrada u maghrufa bhala "Ta' l-Oghga" sive "Tal-Loggia" fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka elfejn erba' mija u sebgha u sebghin metri kwadri (2,477m.k.) […]*
> iii. *il-porzjon art fil-kuntrada u maghrufa bhala "Ta' l-Oghga" sive "Tal-Loggia" fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tlett elef mitejn u sebgha u tletin metri kwadri (3,237m.k.) […]*
>
> *Dan il-bejgh qed isir bil-prezz kumplessiv ta' hamest elef u sitt mitt lira Maltin (Lm5,600) […] liema prezz il-Kompratrici qieghda thallsu hawn prezenzjalment lill-Venditrici, li taccetta, u l-istess Venditrici thalli d-debita ricevuta ghas-saldu ta' l-istess prezz.*
>
> *Il-Venditrici tirriserva favuriha u favur bintha Theodora sive Doreen Buttigieg id-dritt t'uzu u uzufrutt tal-beni b'dan l-att trasferiti. Il-Kompratrici tobbliga ruhha illi tibqa' tippresta lill-Venditrici u lil bintha Theodora sive Doreen Buttigieg dawk is-servigi, kuri u assistenzi li huma jkollhom bzonn sal-gurnata tal-mewt tal-istess Venditrici u ta' l-istess Theodora sive Doreen Buttigieg.*

L-atturi fil-kawza odjerna jidhru jsostnu li dan l-att kien simulat sabiex ma' jibqa xejn – wara li sar ukoll l-att ta' donazzjoni li ser jigi kkunsidrat hawn aktar l-isfel – mill-wirt ta' ommhom x'jintiret minnhom.

[141] Kopja vera a fol 412 *et seq.*
[142] Kopja vera a fol 416 *et seq.*

Fost l-argumenti li jressqu waqt ix-xhieda taghhom sabiex jissanzjonaw din l-allegazzjoni taghhom jghidu li l-prezz li bih inbieghu l-porzjonijiet ta' art in kwistjoni kien wiehed irrizorju u li, oltre dan, anqas thallas lill ommhom.

Jinghad hawn li il-prezz globali ta' Lm5,600 kien fl-istess att spjegat bhala attribwit fil-valur ta' Lm600 ghal-porzjon tal-art tal-kejl ta' 101.8m.k., Lm2,000 ghal-porzjon tal-art tal-kejl ta' 2,477m.k., u; Lm3,000 ghal-porzjon tal-art tal-kejl ta' 3,237m.k.

L-att ta' bejgh tal-5 ta' Dicembru, 2001 mar imbaghad oltre billi ddikjara wkoll li (*i)l-bejgh qed isir bil-prezz kumplessiv ta' hamest elef u sitt mitt lira Maltin (Lm5,600) […]* ***liema prezz il-Kompratrici qieghda thallsu hawn prezenzjalment lill-Venditrici, li taccetta, u l-istess Venditrici thalli d-debita ricevuta ghas-saldu ta' l-istess prezz*** [enfazi ta' din il-Qorti].

L-att korrettorju tal-14 ta' Jannar, 2005 in atti wkoll tan-Nutar Maria Grima m'ghamel xejn ghajr li kkorega l-kejl superficjali moghti lill kull porzjon art mibjugha b'dak tal-5 ta' Dicembru, 2001.

Il-Qorti hanwhekk ma' tistax ma' tosservax ukoll l-importanza tax-xhieda moghtija min-nutar li rredigiet kemm l-att ta' bejgh originali tal-5 ta' Dicembru, 2001 kif ukoll dak korrettorju tal-14 ta' Jannar, 2005, in-Nutar Maria Grima, li minghajr tlaqliq sostnit li Giuseppa Buttigieg kienet ben koxxjenti ta' dak li riedet taghmel u li ghamlet u dan inkluz wara li saru diversi laqghat preliminari qabel l-iffirmar tal-kuntratt finali.

L-istess nutar stqarret ukoll li safejn tiftakar hi l-prezzijiet mhallsa fuq il-kuntratt gew indikati minn perit – issemmi lill Perit Edward Scerri – u li gjaladarba hija nizlet dikjarazzjoni li l-prezz kien qieghed jithallas u jigi accettat fuq l-istess kuntratt mela allura dan thallas zgur.

Il-Qorti hawn tosserva li tali prezz, specjalment meta osservat u tenut kont tal-fatt li l-venditrici zammet favur taghha u ta' bintha ohra – Doreen Buttigieg – id-dritt ta' uzu u uzufrutt tal-beni trasferiti *vita durante* u obbligat ukoll lill kompratrici tibqa trendi servigi, kuri u assistenzi kemm lilha kif ukoll lill-istess bintha l-ohra Doreen Buttigieg ma' jirrizultawx inverosimili.

Anqas ma' jirrizultaw inverosimili meta kkumparati mal-valuri moghtija mill-espert tekinku mahtur mill-Qorti sabiex jaghti valutazzjoni tal-istess proprjetajiet, il-Perit Valerio Schembri, li ghalkemm fir-rigward ta' tnejn mit-tlett proprjetajiet trasferiti b'bejgh mil-poter ta' Giuseppa Buttigieg a favur ta' bintha Mary Jane Buttigieg ikkwota prezz ferm aktar minn dak il-valur lilhom attribwit fuq il-kuntratt ta' bejgh – l-istess Perit Valerio Schembri kien qieghed jitkellem fuq l-intier tat-tlett proprejtajiet in kwistjoni u applika wkoll kunsiderazzjonijiet li fiz-zmien tat-trasferiment setghu ma' kienux applikati.

Jinghad ulterjorment li la tressaq il-perit identifikat min-Nutar Maria Grima sabiex jixhed dwar dak dwaru mitqal mill-istess nutar u wisq anqas ingieb il-perit tekniku in eskussjoni dwar il-materja tal-valuri attribwiti lill-porzjonijiet ta' art in mertu, u dan, minn ebda parti kontendenti.

Din il-Qorti ghalhekk ma' thossx li tista tasal ghal-konkluzjoni li dan il-kuntratt ta' bejgh kien simulat kif jallegaw l-atturi.

Referenza issir hanwhekk, *inter alia*, ghad-decizjoni moghtija mil-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Frar, 2016 fl-ismijiet ***Edith Galea et vs Joseph Degiorgio*,**[143] fejn il-Qorti msemmija rriteniet li:

> *Ghalkemm il-prezz ta' Lm1,200 jista' jirrizulta xi ftit baxx anke ghas-sena 1986, wiehed ma' jridx jinsa li l-venditur irriserva l-uzufrutt sal-mewt u ghalhekk ix-xerrej Degiorgio kien qed jixtri xi haga li ma' setax igawdiha ghal numru indefinit ta' snin […]. Il-valur ta' fond okkupat huwa ovvjament ferm inqas mill-prezz ta' fond vakanti. In oltre wiehed jista jargumenta li ladarba l-prezz ta' lm1,200 jidher li huwa baxx allura huwa aktar verosimili li Degiorgio effettivament ghadda lill Saliba tali ammont (kif jghid l-istess kuntratt) milli li ma ghaddihulux. Kieku Degiorgio ma' hallas l-ebda flus lill Saliba, allura ma kienx hemm ghalfejn jigi dikjarat prezz baxx fl-ewwel lok. Jinghad ukoll li mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li Ganni Saliba kien iz-ziju ta' missieru u allura kien ta' gewwa […].*

Bl-intendiment f'dan l-insenjament huwa li bniedem *ta' gewwa* jista jkun mistenni joffri u jaccetta prezz ahjar minn estranju; aktar u aktar ghandu japplika dan il-hsieb f'kaz bhal dak odjern fejn omm irrizultat tbiegh u tittraxferixxi favur bintha filwaqt li tirritjeni l-uzu u uzufrutt u anke

[143] Rik. Nru. 865/09 JA.

torbot lill-istess bintha sabiex tibqa ddur biha u b'bint ohra minn taghha li huwa pacifiku li tbaghti minn dizabilita' permanenti.

Referenza ssir ukoll ghad-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-23 ta' Gunju, 2005 fl-ismijiet ***Josephine Pule vs Mario Grech et*** fejn gie dikjarat li kuntratt kien simulat fuq il-fatt li n-nutar li ddiregih xehed li ma' jiftakarx kienx fil-fatt ghaddha l-hlas fih msemmi.

F'dan il-kaz odjern, kif diga inghad in-Nutar Maria Grima insistiet li l-prezz tal-bejgh *thallas dak il-hin, hawn miktub li thallas dak il-hin ghax jigifieri dak il-hin thallas*.[144]

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ampja ghal sensiela kostanti ta' decizjonijiet nostrani konkordanti fuq il-mertu tas-simulazzjoni fejn gie konsistentement ritenut li:

> *Is-simulazzjoni hija forma ta' frode, u hekk taqa' taht is-sanzjoni tal-azzjoni pawljana, li l-elementi fondamentali taghha huma il-"consilium fraudis" u l-"eventus damni".*
>
> *Kwantu ghall-"consilium fraudis", meta si tratta ta' att gratwitu bhal mi hi donazzjoni, hu bizzejjed li jigi pruvat biss relattivament ghad-debitur; u huwa pacifikament ritenut fid-dottrina u fil-gurisprudenza illi l-istess jikkonsisti fix-xjenza li bl-att qieghda tigi determinata l-insolvenza tad-debitur jew imnaqqsa s-solvibbilita' tieghu; u bizzejjed jigi pruvat li kien hemm fid-debitur ix-xjenza u l-previzjoni li l-att sejjer ikun leziv ghall-kreditur, minghajr ma' hi rikjesta l-intenzjoni li l-kreditur jigi defrawdat. Imma din il-prova tinkombi lil min jimpunja l-att.*
>
> *Jekk jigi pruvat li d-debitur ried jibbenefika lill-parti l-ohra, imma ma' jigix pruvat li hu ried jiffroda lill-kreditur, dan l-element ma jirrikorrix.*
>
> *Kwantu ghall-"eventus damni", hu wkoll pacifiku li dan jikkonsisti fil-pregudizzju li jsofri l-kreditur minhabba l-insolvenza tad-debitur, cjoe' li l-att tad-debitur ikun ikkaguna pregudizzju lill-kreditur li jimpunja l-att, billi gib jew zied l-insolvibbilita' tad-debitur.*

[144] Linja ta' qabel tal-ahhar a fol 421d.

*Jekk id-debitur*[145] *ma' jipprovax li l-att attakkat irrenda lid-debitur insolventi, jew li d-debitur kien insolventi u l-att awmenta dik l-insolvenza, l-anqas dan l-elementi ma' jirrikorri.*[146]

Minn dan l-insenjament li gie ripetut u ccitat diversi drabi fid-decizjonijiet nostrani, jirrizulta li talba dwar simulazzjoni hija generalment maghmulha minn kreditur li b'azzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta' tad-debitur tieghu jigi pregudikat fil-potenzjal ta' irkupru tal-kreditu dovut lilu.

Kwistjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti ma' tirrizultax f'din il-kawza prezenti fejn l-atturi mhux talli ma' ressqu ebda prova izda mank ghamlu ebda allegazzjoni dwar l-insolvibbilita' ta' ommhom Giuseppa Buttigieg izda sempliciment irritenew l-att ta' bejgh maghmul minnha lill ohthom Mary Jane Buttigieg bhala simulat ghaliex skonthom sar ghal prezz baxx li anqas biss thallas.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi sabiex tichad it-talbiet atturi relattivi ghal validita' tal-kuntratt ta' bejgh tal-5 ta' Dicembru, 2001 u dak li kkoreggih tal-14 ta' Jannar, 2005, it-tnejn in atti Nutar Maria Grima.

**Dwar imbaghad it-talba attrici sabiex is-sehem ta' ommhom mil-proprjeta' maghrufa bhala *"Dar is-Sultan"* fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber kif moghti minnha lill ohthom il-konvenuta Mary Jane Buttigieg b'donazzjoni ghandu jigi meqjus bhala parti mill-massa ereditarja li fuqha ghandu jigi kkalkolat fil-likwidazzjoni tas-sehem riservat** dovut lilhom, din il-Qorti tosserva s-segwenti:

L-att ta' donazzjoni in mertu huwa dak ta' donazzjoni irrevokabbli tas-6 ta' Mejju, 2000 in atti Nutar Maria Grima bis-sahha ta' liema:

*Id-Donanti* – Giuseppa Buttigieg – *qieghda tassenja b'titolu ta' donazzjoni rrevokabbli, b'effett mid-data tal-lum, a favur tad-Donatarja* – Mary Jane Buttigieg – *li bl-istess titolu qed taccetta u takkwista minghandha nofs (1/2) indiviz ossija kull dritt u sehem spettanti lilha mill-fond minghajr numru bl-isem "Dar is-Sultan" fi Triq il-Kavallier Zammit*

[145] Possibbli zball fejn il-kelma "debitur" ghandha taqra "kreditur".
[146] Ref.: *inter alia*, id-decizjoni moghtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-19 ta' Ottubru, 1960 fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Bray et vs Stella Bray et***.

*Haber, Xewkija, Ghawdex, bl-art retrostanti u attigwa ghall-istess fond […]*

*Din id-donazzjoni qieghda ssir bil-kondizzjoni illi d-Donanti jkollha d-dritt illi tibqa tabita fil-fond li n-nofs (1/2) indiviz tieghu gie b'dan l-att donat fuq ahjar deskritt sad-data tal-mewt taghha kif ukoll illi taghmel uzu mill-art retrostanti u adjacenti ghall-istess fond fuq ahjar deskritta kif ukoll bil-kondizzjoni illi bint id-Donanti Doreen Buttigieg jkollha l-jedd illi tibqa' tabita fl-imsemmi fond sad-data tal-mewt taghha. Id-Donatarja tobbliga ruhha illi tibqa' tippresta lid-Donanti u lill bintha Doreen Buttigieg dawk is-servigi, kuri u assistenzi li huma jkollhom bzonn sal-gurnata tal-mewt ta' l-istess Donanti u ta' l-istess Doreen Buttigieg.*

Ghal xi raguni, tul il-gbir tal-provi taghhom, l-atturi anke hawn jlmentaw mill-prezz attribwit fuq din id-donazzjoni mill-partijiet hemm kontraenti – il-prezz ta' Lm11,000 indikat fuq l-att ta' donazzjoni sempliciment u strettament ghal-finijiet tad-dikjarazzjoni necessarja tat-taxxa *ad valorem*.

Din il-Qorti hawnhekk tosserva sempliciment li l-istess kunsiderazzjonjiet maghmulha hawn aktar 'il fuq f'din id-decizjoni dwar il-prezz attribwit lill-porzjonijiet ta' art fil-kuntratt ta' bejgh maghmul bejn l-istess Giuseppa u Mary Jane Buttigieg japplikaw ukoll hanwhekk bl-aggunta tal-fatt li hawnhekk saret donazzjoni da parti ta' omm versu bint ta' fond mhux vakanti u bl-obbligazzjoni li d-donatarja tibqa ddur kemm b'ommha d-donanti kif ukoll b'ohtha bi bzonnijiet specjali *vita durante* li huwa terminu mhux kalkolabbli.

Dan oltre l-fatt li tul hajtu, kulhadd ghandu d-dritt li jittrasferixxi d-drittijiet tieghu u l-assi tieghu kif jidhirlu xieraq, b'riserva biss favur id-drittijiet tal-eredi prezunti rigward is-sehem riservat.

Il-Qorti ghalhekk, u dwar dan l-att ta' donazzjoni, tqies l-argumenti mressqa mill-atturi dwar il-prezz attribwit lill porzjon indiviz ta' proprjeta' okkupata bhala kompletament irrelevanti ghat-talba taghhom sabiex il-valur tal-istess porzjon indiviz tal-istess proprjeta' talvolta jitqies fil-kalkolu tal-massa ereditarja tad-*decujus* Giuseppa Buttigieg.

Dwar imbaghad it-talba proprja - sabiex il-valur tal-porzjon indiviz tal-proprjeta' donata jitqies fil-kalkolu tal-massa ereditarja tad-*decujus* Giuseppa Buttigieg; din il-Qorti tosserva li ghalkemm tressqu diversi

rapprezentanti ta' banek varji u anke rapprezentanti tal-Ufficju tas-Sigurta Socjali sabiex jixhdu dwar l-introjtu ta' uhud mill-partijiet konvenuti nkluz tad-*decujus* Giuseppa Buttigieg; ma' tressaq ebda dokument li jindika l-konsistenza tal-massa ereditarja tad-*decujus* Giuseppa Buttigieg.

Kull ma' ntqal mill-partijiet atturi dwar dan huwa li bl-atti ta' bejgh u donazzjoni maghmulha minn ommhom Giuseppa Buttigieg kif fuq spjegat din hellset mill-assi kollha taghha tant li ma' baqa' xejn sabiex jinqasam bejniethom l-ahwa.

Din il-Qorti tifhem ghalhekk li l-implikazzjoni tal-partijiet atturi f'din il-kawza huma li d-*decujus* ommhom Giuseppa Buttigieg kellha biss il-proprjetajiet li ddisponiet minnhom *inter vivos* favur bintha l-konvenuta Mary Jane Buttigieg.

Jibqa' mbaghad sabiex jitqies li biex din il-Qorti tkun tista tghaddi sabiex tikkalkola u tillikwida s-sehem riservat, kellha ssir prova konkordanti tal-fatt li tassew, kif jallegaw, kull parti kontendenti rrinunzjat ghal-wirt tal-omm Giuseppa Buttigieg bid-dritt favur is-sehem riservat gie riservat kif trid il-ligi.

Dan jinghad ai termini tal-Artikolu 860 tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, li jrid kif isegwi:

> **860.** *(1) Ir-rinunzja għal wirt ma tistax tkun preżunta.*
>
> *(2) Ir-**rinunzja tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja** fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu **jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku**.*
>
> *(3) Id-dikjarazzjoni tar-rinunzja msemmija f'dan l-artikolu m'għandhiex ikollha effett kwantu għall-partijiet terzi ħlief miż-żmien meta din tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 330(2).*
>
> [enfazi ta' din il-Qorti]

L-Artikolu 861 tal-Kap. 16 ikompli mbagħad jibni fuq dak li jgħid l-Artikolu 860 kif isegwi:

> **861.** *Il-werriet illi jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef kull jedd għas-suċċessjoni ab intestato:*
>
> *Iżda, dan **il-werriet jista', fl-att tar-rinunzja, iżomm il-jedd għas-sehem riżervat tal-beni** illi, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 614 sas-653, ikunu jmissu lilu.*
>
> [enfazi ta' din il-Qorti]

Din il-provizzjoni tal-liġi nostrana viġenti hija ċara f'li trid illi r-riserva favur is-sehem riservat għandha tkun waħda speċifika u tpoġġi d-diskrezzjoni għal dan f'ħoġor ir-rinunzjant.

Bl-użu tal-kelma *"jista"*, fl-artikolu preċitat il-leġislatur jagħti l-fakulta' lil dak l-eredi li minkejja li jirrinunzja għal eredita' jżomm ferm id-dritt għas-sehem riservat.

L-eredi għalhekk meta jagħmel id-dikjarazzjoni ta' rinunzja irid jispeċifika li qed iżomm ferm id-dritt għas-sehem riservat u jekk ma jagħmilx hekk u dan id-dritt ma jżommux ferm, jiskatta allura l-kumplament tal-Artikolu 861 li jrid illi werriet illi jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef kull jedd għas-suċċessjoni *ab intestato*.

Din il-Qorti tiċċita għalhekk l-Artikolu 788 tal-Kap. 16 li jipprovdi:

> **788.** *Meta ma jkunx hemm testment validu, jew jekk it-testatur ma jkunx iddispona mill-ġid tiegħu kollu, jew jekk il-werrieta istitwiti ma jkunux iridu jew ma jkunux jistgħu jaċċettaw il-wirt, jew jekk ma jkunx hemm lok għal jedd ta' akkrexximent bejn il-werrieta, ikun hemm lok, għal kollox jew għal biċċa, għas-suċċessjoni ab intestato bis-saħħa tal-liġi.*

Qari konġunt ta' dan l-artikolu flimkien ma l-Artikolu 861 fejn dan tal-aħħar jgħid li werriet illi jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef kull jedd għas-suċċessjoni *ab intestato*, ma jħalli ebda dubbju f'moħħ din il-Qorti illi ġjaladarba skont l-Artikolu 788 werriet li ma jkunx irid jaċċetta l-wirt jagħti lok għas-suċċessjoni *ab intestato*, u, skont l-Artikolu 861 werriet li jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef ukoll kull jedd

għas-suċċessjoni *ab intestato*, mela allura huwa ċar li werriet li jirrinunzja għal-wirt mingħajr ebda riserva jkun irrinunzja għal kull dritt rigwardanti l-istess, inkluż dak għas-sehem riservat.

Fid-dawl ta' dan, il-fatt li l-partijiet kollha kontendenti iddikjaraw li huma rrinunzjaw ghal-wirt ta' ommhom Giuseppa Buttigieg[147] izda naqqsu – ghajr ghall-attrici Elizabeth Cini – milli jressqu prova li huma zammew ferm il-jedd taghhom ghas-sehem riservat mill-eredita' taghha;[148] iwassal ghall-impossibilita' ta' din il-Qorti li tippresumi li sehhet rinunzja u riserva favur is-sehem riservat b'mod validu ai termini tar-rekwiziti tal-Ligi li jemanu mill-provizzjonijiet succitati u ghalhekk, ghall-impossibilita' taghha f'li tkompli sabiex taghti decizjoni dwar it-talbiet relatati maghmulha mill-atturi.

Isegwi ghalhekk li anqas m'huwa necessarju li tinghata decizjoni dwar ir-rikjesta tal-konvenuti maghmulha fit-tieni eccezzjoni taghhom ai termini tal-Artikolu 864(2) tal-Kap. 16 stante wkoll li anqas ma' giet segwita t-talba hemm kontenuta ghal-kjamat in kawza ta' ulied il-partijiet kontendenti; tant li ebda parti kontendenti ma' oggezzjonat ghal-prezenza tal-kuratur deputat tal-wirt gjacenti tad-*decujus* Giuseppa Buttigieg.

Dan l-istess huwa rispekkjat fil-hsieb mirqum maghmul mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni ta' nhar it-23 ta' Novembru, 2007 mghotija fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs Dennis Degiorgio et*** iccitata mil-kuratur deputat tal-wirt gjacenti ta' Giuseppa Buttigieg, l-Avv. Dr. Mario Scerri, fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu.

Fid-decizjoni msemmija, li nghatat f'cirkostanzi simili ghal dawk ta' din il-kawza prezenti, gie ritenut li:

> *Il-konvenuti, izda, qeghdin jghidu illi c-citazzjoni saret hazin, u ma tiswiex, ghax l-assi ereditarji m'ghandhomx legittimazzjoni attiva billi m'ghandhomx personalita' guridika.*
>
> *Il-kwistjoni, fil-fehma tal-Qorti, ma' hijiex jekk wirt battal ghandux legittimazzjoni, attiva jew passiva, biex iharrek jew biex ikun imharrek.*

[147] Ref.; l-erbatax-il premessa tar-rikros guramentat u t-tieni eccezzjoni tar-risposta guramentata.
[148] Ref.: nota ta' rinunzja tal-wirt b'riserva favur is-sehem riservat maghmulha minn Elizabeth Cini – a fol 214.

*Li tassew ghandha dik il-legittimazzjoni jidher mill-kliem ta' l-art. 929 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Porcedura Civili li jghid li jistghu jinhatru kuraturi sabiex jidhru u jiddefendu fil-qrati […] fl-interess […] ta' persuni incerti li jistghu jigu msejha […] ghal-wirt battal li hadd ma' jidher ghalih skond il-ligi […]*

*A contrario sensu, ma humiex mehtiega kuraturi ghal wirt battal li jidher xi hadd ghalih skond il-ligi, li jfisser illi dak il-wirt jista' jharrek jew ikun imharrek fil-persuna ta' min ikun jidher ghalih.*

*Il-kwistjoni hija ghalhekk jekk min qed jidher f'isem il-wirt ghandux tassew is-setgha li jidher f'dik il-kapacita'.*

Kif inghad, il-konvenuti li eccepew il-kjamat in kawza baqghu ma' iddikjarawx min huma l-eredi prezuntivi wara li l-partijiet kontendenti lkoll ddikjaraw li rrinunzjaw il-wirt ta' ommhom Giuseppa Buttigieg.

Anqas saret talba ghal-ftuh tas-successjoni tad-*decujus* Giuseppa Buttigieg bit-talbiet jittrattaw biss kuntratti varji maghmulha mill-istess Giuseppa Buttigieg *inter vivos*, talba ghall-likwidazzjoni tal-assi ereditarji taghha minghajr ma' tressqu provi dwar il-massa tal-istess, u talba ghal-likwidazzjoni u hlas tal-istess favur lill kull parti kontendenti fis-sehem spettanti lilha.

Il-wirt tal-istess Giuseppa Buttigieg baqa' ghalhekk mhux accettat u kellu, kif kien, ikun meqjus biss battal.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tal-kuratur deputat tal-wirt gjacenti ta' Giuseppa Buttigieg konformement ma' dak hawn deciz:

1. tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li Guzepp Buttigieg miet fl-10 ta' Dicembru, 1991 u rregola l-wirt u s-successjoni tieghu permezz ta' diversi testmenti *unica charta* li huwa ghamel flimkien ma' martu Giuseppa Buttigieg;

2. tilqa' it-tieni talba attrici u tiddikjara li l-wirt u successjoni ta' Guzepp Buttigieg gew regolati bit-testmenti *unica charta* li saru ma' martu Giuseppa Buttigieg fit-28 ta' Frar, 1976 in atti Nutar Giuseppi Cauchi, fid-19 ta' Awwissu, 1978 in atti Nutar Giuseppi Cauchi, fil-21 ta' Ottubru, 1985 in atti Nutar Michael Refalo, u fil-5 ta' Jannar, 1989 in atti Nutar Michael Refalo;

3. tilqa' it-tielet talba attrici u tordna li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija mid-*decujus* Guzepp Buttigieg, missier il-partijiet kontendenti, skond dak dikjarat fil-Parti A, paragrafi (i) sa (v) ta' din id-decizjoni;

4. tilqa' ir-raba' talba attrici u tillikwida ir-rimanenti assi ereditarji li kienu jappartjenu lid-*decujus* Guzepp Buttigieg, missier il-partijiet kontendenti, skond dak dikjarat fil-Parti A, paragrafi (a) u (b) ta' din id-decizjoni;

5. tichad il-hames talba attrici;

6. tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitta, is-seba', it-tmienja, id-disgha, u l-ghaxar talbiet atturi;

7. tilqa' il-hdax-il talba attrici, tiffissa l-jum tal-1 ta' Marzu, 2024 u l-hin tal-16.30 ta' wara nofsinhar, u tappunta lin-Nutar Enzo Refalo sabiex jirredigi l-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija mid-*decujus* Guzepp Buttigieg, missier il-partijiet kontendenti, u d-divizjoni tar-rimanenti assi ereditarji li kienu jappartjenu lill-istess *decujus* Guzepp Buttigieg, ai termini tal-Parti A ta' din id-decizjoni. Tappunta wkoll lill-Avv. Dr. Jonathan Mintoff u lill-Avv. Marsette Scerri sabiex jidhru bhala kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacji fuq l-istess atti.

Bl-ispejjez ta din il-kawza a karigu tal-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**

**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**